



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.12.2023  
SWD(2023) 408 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Gwida ta' prassi elettorali tajba fl-Istati Membri li tindirizza sehem iċ-ċittadini  
b'diżabilità fil-proċess elettorali**

## Werrej

<b>1. Introduzzjoni</b> .....	3
<b>2. Kwistjonijiet ewlenin li jiffaċċjaw iċ-ċittadini b'diżabbiltà</b> .....	8
<b>3. Qafas tal-UE</b> .....	9
3.1. Trattati .....	9
3.2. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà ...	9
3.3. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE .....	10
3.4. Il-liġi elettorali tal-UE .....	10
3.5. Drittijiet tal-vot taċ-ċittadini mobbli tal-UE .....	11
3.6. Trasparenza tar-reklamar politiku .....	12
3.7. Testi oħrajn tad-dritt tal-UE.....	12
<b>4. Standards internazzjonali applikabbli għall-Istati Membri tal-UE</b> .....	13
<b>5. Ambjenti li jappoġġaw il-parteeċipazzjoni fl-elezzjonijiet</b> .....	15
5,1. L-iżvilupp ta' politiki speċifiċi.....	15
5,2. Sensibilizzazzjoni u tibdil fl-attitudnijiet.....	15
5,3. Il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jappoġġaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà.....	17
5,4. Iż-żieda fl-aċċessibbiltà u fl-utilizzabbiltà tal-binjiet.....	18
5.5 Taħriġ u appoġġ speċifiku għall-uffiċjali elettorali .....	18
<b>6. Ħidma biex jintlaħqu l-persuni b'diżabbiltà matul iċ-ċiklu elettorali</b> .....	19
6,1. L-aċċessibbiltà tal-komunikazzjonijiet uffiċjali.....	19
6,2. L-aċċessibbiltà tar-reklamar politiku .....	21
<b>7. Disinn universali u akkomodazzjoni raġonevoli fiċ-ċiklu elettorali - proċeduri, faċilitajiet u materjali</b> .....	22
7,1. Proċeduri ta' reġistrazzjoni .....	22
7,2. Iż-żieda fl-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni, tal-kabini tal-votazzjoni u tal-kaxxi tal-voti.....	23
7,3. Żieda fl-aċċessibbiltà tal-poloż tal-votazzjoni .....	25
7,4. Iż-żieda fl-aċċessibbiltà tal-magni tal-votazzjoni.....	27
7,5. Metodi ta' votazzjoni komplementari .....	27
7,6. L-aċċess għas-soluzzjoni tat-tilwim elettorali.....	29
7,7. Il-ġbir ta' <i>data</i> dwar il-parteeċipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà fl-elezzjonijiet....	30
7,8. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet.....	31
<b>8. Kunsiderazzjonijiet finali</b> .....	32
Anness 1 - Qafas li jippermetti lill-persuni b'diżabbiltà jaċċessaw l-elezzjonijiet .....	35

Anness 2 – Eżempji ta' listi ta' kontroll biex tiġi vvalutata l-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni .....	37
Anness 3 – Eżempju ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-uffiċjali tal-postijiet tal-votazzjoni .....	39
Anness 4 – Eżempju ta' kif għandu jiġi pprovdut aċċess għall-bini tal-postijiet tal-votazzjoni .....	40
Anness 5 – Eżempju ta' kif għandu jiġi ddisinnjat post tal-votazzjoni aċċessibbli .....	40
Anness 6 – Eżempji ta' kabini tal-votazzjoni adattati .....	41
Anness 7 – Il-kunċett ta' diżabilità użat mill-Istati Membri fil-kuntest tal-elezzjonijiet	41
Anness 8 – Id-dritt tal-UE u l-istandards tal-UE b'rilevanza fil-kuntest tal-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità.....	44
Anness 9 - L-eżiti ta' grupp ta' fokus dwar l-aċċessibbiltà għall-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità organizzat mill-Kummissjoni fis-7 ta' Settembru 2023 .....	47
Anness 10 – Disponibbiltà ta' għodod ta' assistenza, kabini tal-votazzjoni u kaxxi tal-voti aċċessibbli .....	49
Anness 11 - Għażliet ta' votazzjoni komplementari disponibbli għall-persuni b'diżabilità fl-Istati Membri tal-UE .....	51

## 1. Introduzzjoni

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea von der Leyen ħabbret meta ħadet il-kariga li l-bini ta' Unjoni ta' Ugwaljanza se jkun waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni tagħha.<sup>(1)</sup>

Il-kapaċità li wieħed jipparteċipa fl-elezzjonijiet hija essenzjali għal demokrazija vibranti. Dan imur lil hinn mis-sempliċi dritt tal-vot; dan ifisser ukoll li tista' toħroġ bħala kandidat, tingħaqad ma' partit politiku, tinvolvi ruġek fil-proċess elettorali bħala uffiċjal elettorali jew osservatur elettorali u taċċessa l-informazzjoni. Dan jinkludi li tkun tista' tesprimi l-preferenzi elettorali tiegħek b'mod liberu u ġust, b'segretezza sħiħa. Iċ-ċittadini kollha għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-ħajja politika fl-UE. Kull vot jgħodd. Iżda madankollu l-parteċipazzjoni fil-ħajja politika għadha sfida għal ħafna.

Fl-UE, il-persuni b'diżabilità għandhom jiffaċċjaw diffikultajiet fl-eżerċitar tad-drittijiet elettorali tagħhom. Madwar 27 % tal-popolazzjoni tal-UE għandhom xi forma ta' diżabilità.<sup>(2)</sup> Dawn jinkludu persuni li għandhom indebolimenti fiżiċi, mentali, intellettuali jew sensorji fit-tul li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jorganizzaw l-elezzjonijiet nazzjonali, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni tappoġġa, fost l-oħrajn, il-kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin, inkluż dwar magni tal-votazzjoni aċċessibbli u aġġustamenti speċifiċi u kif jiġu pprovduti għażżiet għall-votanti b'diżabilità. L-UE tiffinanzja wkoll l-organizzazzjonijiet għall-persuni b'diżabilità fil-livell tal-UE sabiex jissensibilizzaw u jippromwovu d-drittijiet u jtejbu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet membri tagħhom.

Ir-rapport<sup>(3)</sup> maħruġ mill-Kummissjoni dwar l-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew issottolinja li ċ-ċittadini b'diżabilità jiffaċċjaw ostakli addizzjonali biex jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom.<sup>(4)</sup> Ir-rapport enfasizza l-importanza li jiġu indirizzati dawn l-ostakli fid-dawl tal-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew issottolinja l-importanza li jiġu appoġġati d-drittijiet tal-vot tal-persuni b'diżabilità. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-rendikont tal-elezzjonijiet Ewropej, huwa talab lill-Istati Membri biex iżidu l-iskambji tal-aħjar Prattika biex itejbu l-aċċess għall-postijiet tal-votazzjoni għall-persuni b'diżabilità. Il-Parlament Ewropew indika li, għall-votanti b'diżabilità, l-arranġamenti Prattiki tal-votazzjoni huma importanti daqs l-aċċess għall-informazzjoni jew għall-postijiet tal-votazzjoni. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar ir-Rapport dwar iċ-

---

<sup>1</sup> [Il-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024.](#)

<sup>2</sup> [Statistika | Eurostat \(europa.eu\).](#)

<sup>3</sup> [Rapport dwar l-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew.](#)

<sup>4</sup> Ir-rapport tal-Kummissjoni jirreferi wkoll għar-rapport mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li jgħid li madwar 800 000 ċittadin tal-UE minn 16-il Stat Membru setgħu ġew imċaħħda mid-dritt li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew.

Ċittadinanza tal-UE tal-2020, il-Parlament talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiskambjaw u jippromwovu l-aħjar prattiki fi ħdan in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet<sup>(5)</sup>, dwar kif għandhom jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet elettoralni speċifiċi ta' gruppi żvantaġġati ta' ċittadini, biex iżidu l-parteciġazzjoni tagħhom fl-elezzjonijiet u biex jagħtu s-setgħa lil dawn il-gruppi biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet li jmiss għall-Parlament Ewropew.

Fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett<sup>(6)</sup>, il-Parlament Ewropew talab lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għall-votazzjoni fuq bażi ugwali, inklużi l-persuni b'diżabilità. Dan jinkludi, pereżempju, il-kiri ta' bini adattat meta l-istrutturi pubbliċi ma jkunux adattati.<sup>(7)</sup>

Aktar reċentement, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar id-drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità<sup>(8)</sup> talbet emendi fil-Liġi Elettorali Ewropea u f'kull liġi nazzjonali rilevanti biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità kollha jkunu jistgħu jivvotaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Il-Parlament saħaq li d-deċiżjonijiet biex persuni jiċċaħħdu mill-kapaċità ġuridika tagħhom minħabba diżabilità meħuda mill-Istat Membru ta' oriġini ma għandhomx jagħmlu liċ-ċittadini tal-UE ineliġibbli fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jekk il-liġi ta' dak l-Istat Membru tiddefendi dak id-dritt għall-persuni kollha b'diżabilità mingħajr restrizzjonijiet.<sup>(9)</sup>

---

<sup>5</sup> Aktar informazzjoni dwar in-[Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet](#) (ECNE).

<sup>6</sup> [Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill \(76/787/KEFA, KEE, Euratom\) u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni](#) (2020/2220(INL) – 2022/0902(APP).

<sup>7</sup> Il-Parlament stieden ukoll "lill-Istati Membri jintroduċu miżuri biex jimmassimizzaw l-aċċessibilità tal-elezzjonijiet għaċ-ċittadini b'diżabilità li jkopru, fost l-oħrajn u fejn xieraq, l-informazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-votazzjoni, il-postijiet tal-votazzjoni, il-kabini u l-apparat tal-votazzjoni u l-poloż tal-votazzjoni; jirrakkomanda li jiġu implimentati arranġamenti xierqa mfassla għall-proċeduri ta' votazzjoni nazzjonali biex jiffaċilitaw il-vot taċ-ċittadini b'diżabilità bħall-possibilità li jagħżlu post tal-votazzjoni, postijiet tal-votazzjoni magħluqa f'postijiet ewlenin, u l-użu ta' teknoloġiji, formati u tekniki ta' assistenza bħall-Braille, tipa kbira, informazzjoni bbażata fuq l-awdjoo, stensils tattili, informazzjoni faċli biex tinqara u komunikazzjoni bil-lingwa tas-sinjali; jistieden lill-Istati Membri jippermettu li l-persuni b'diżabilità jingħataw assistenza waqt il-votazzjoni permezz ta' persuna tal-għażla tagħhom stess, fejn meħtieġ u fuq talba tagħhom."

<sup>8</sup> [Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022 lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità](#) (2022/2026(INI).

<sup>9</sup> Ir-Riżoluzzjoni enfasizzat ukoll il-ħtieġa li jiġi ggarantit id-dritt tal-vot b'mod indipendenti u sigriet, biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet indaqs biex imexxu kampanja fl-elezzjonijiet u jiġi żgurat li l-postijiet tal-votazzjoni jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Il-partiti politiċi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali jeħtiġilhom jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu rrappreżentati aħjar fil-listi elettoralni. L-awtoritajiet elettoralni maħtura tal-Istati Membri ġew mistiedna jiġbru *data* dwar l-aċċessibilità tal-postijiet tal-votazzjoni, inklużi indikazzjonijiet dwar jekk humiex adattati biex

Il-kwistjoni tad-drittijiet tal-vot għall-persuni b'diżabilità tqajmet ukoll fil-kuntest tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-direttivi elettorali li jirregolaw id-drittijiet tal-vot għal ċittadini mobbli tal-UE. Din kienet tinkludi li l-informazzjoni elettorali ssir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità billi jiġu applikati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà kif stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u bl-użu ta' mezzi, modi u formati ta' komunikazzjoni li jistgħu jgħinu lill-persuni b'diżabilità, bħal-lingwa tas-sinjali, il-Braille jew format faċli biex jinqara.<sup>(10)</sup>

F'din l-opinjoni, il-Parlament Ewropew stieden lill-Istati Membri jagħmlu arranġamenti mfassla apposta għall-proċeduri ta' votazzjoni nazzjonali tagħhom biex jgħinu liċ-ċittadini b'diżabilità jivvotaw, bħal li jippermettulhom jagħżlu l-postijiet tal-votazzjoni, jistabbilixxu postijiet tal-votazzjoni magħluqa f'postijiet ewlenin u jużaw teknoloġiji, formati u tekniki ta' assistenza bħall-Braille, tipa kbira, informazzjoni bbażata fuq l-awdjoo, stensils tattili, informazzjoni faċli biex tinqara u komunikazzjoni bil-lingwa tas-sinjali. Il-Parlament stieden ukoll lill-Istati Membri jqisu li jużaw għodod komplementari biex jiffaċilitaw il-votazzjoni, bħall-votazzjoni fiżika minn qabel u l-votazzjoni bi prokura, il-votazzjoni elettronika u online.

Fl-20 ta' Marzu 2019, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta rapport<sup>(11)</sup> li jistabbilixxi s-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tad-dritt taċ-ċittadini tal-UE b'diżabilità li jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Ir-rapport jinnota diversi ostakli li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità fl-eżerċitar tad-drittijiet elettorali tagħhom. Dan jistabbilixxi Prattiki tajbin<sup>(12)</sup> dwar it-titjib tal-aċċess għall-informazzjoni matul il-perjodu ta' qabel l-elezzjoni, l-organizzazzjoni tal-votazzjoni fi stazzjonijiet tal-votazzjoni "ġenerali", poloz tal-votazzjoni u aċċessibbiltà. Dan jiddeskrivi wkoll is-soluzzjonijiet użati fi ftit Stati Membri, bħal votazzjoni bikrija f'postijiet tal-votazzjoni magħżula, votazzjoni bil-posta, votazzjoni bil-kaxxa tal-votazzjoni mobbli, votazzjoni

---

jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u biex jirrapportaw dan lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew mhux aktar tard minn sena wara li tkun saret elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

<sup>10</sup> [Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini \(riformulazzjoni\)](#) (COM(2021) 0733 – C9-0022/2022 – 2021/0373(CNS)) u [Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istipular ta' arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini \(riformulazzjoni\)](#) (COM(2021)0732 – C9-0021/2022 – 2021/0372(CNS)).

<sup>11</sup> [Rapport ta' informazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.](#)

<sup>12</sup> Eżempji tal-aħjar Prattika nnotati mir-Rapport jinkludu kaxxi tal-votazzjoni mobbli għall-persuni b'diżabilità (il-Bulgarija):

- materjal ta' informazzjoni mmirata mfassal f'lingwaġġ sempliċi u bil-Braille (vidjos, fuljetti) biex jappoġġa gruppi speċifiċi f'lingwi differenti (il-Belġju), proġett ta' prova dwar il-votazzjoni elettronika awtonoma għal persuni b'vista batuta (il-Belġju), postijiet tal-votazzjoni aċċessibbli u kaxxi tal-votazzjoni fl-isptarijiet, djar tal-kura jew istituzzjonijiet simili (l-Irlanda);
- poloz tal-votazzjoni bil-Braille (is-Slovakkja), riċerka dwar l-ostakli li jiffaċċjaw il-politiċi b'diżabilità u x'miżuri jeħtieġ li jittieħdu sabiex dawn jipparteċipaw u jwettqu dmirijiethom (in-Netherlands).

bi prokura u votazzjoni elettronika. Fl-aħħar, dan jiddeskrivi arranġamenti li jippermettu lill-persuni fi sptar u f'istituzzjonijiet tal-kura fit-tul li jivvotaw, id-dritt tal-persuni b'diżabilità li jivvotaw f'pajjiżi fejn il-votazzjoni hija obligatorja u proċeduri għal meta persuna b'diżabilità tgħix f'pajjiż differenti mill-pajjiż ta' oriġini tagħha.

Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità rrakkomanda li l-UE tiegħu l-miżuri meħtieġa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tagħha u mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità, biex kull persuna b'xi tip ta' diżabilità tkun tista' jeżerċita d-dritt tagħha li tivvota u li toħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet<sup>(13)</sup>.

Fl-istrateġija tagħha għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità għall-2021-2030<sup>(14)</sup>, il-Kummissjoni ħabbret li se tfejji gwida ta' prattika elettorali tajba li tindirizza l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini b'diżabilità fil-proċess elettorali. Din il-gwida tfejjet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fil-qafas tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet. Hija tisset mid-diskussjonijiet li saru matul l-avveniment ta' livell għoli dwar l-elezzjonijiet organizzat mill-Kummissjoni fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2023<sup>(15)</sup>.

Fl-istrateġija tagħha għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha:

- **Li taħdem** mal-Istati Membri, inkluż permezz ta' diskussjonijiet iddedikati fin-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet u l-Parlament Ewropew biex tiggarrantixxi d-drittijiet politiċi tal-persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor;
- **Li tiddiskuti**, fil-qafas tal-avveniment ta' livell għoli dwar l-elezzjonijiet imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija (li sar fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2023), prattiki dwar id-demokrazija inklużiva bil-għan li l-listi tal-kandidati jirriflettu d-diversità tas-soċjetajiet tagħna;

---

<sup>13</sup> [Concluding observations on the initial report of the European Union](#) adottati fl-14-il sessjoni tiegħu f'Ġinevra fl-2015. Ara wkoll ir-[report issued in 2023 by the special UN rapporteur on the rights of persons with disabilities](#).

<sup>14</sup> [Unjoni ta' Ugwaljanza:Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030](#).

<sup>15</sup> Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' miżuri biex issaħħaħ id-demokrazija u tipproteġi l-integrità tal-elezzjonijiet. Il-pakkett kien jinkludi komunikazzjoni li ħabbret li l-Kummissjoni se tkompli l-ħidma tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet biex tiffaċilita u ttejjeb il-kapaċità taċ-ċittadini kollha tal-UE li jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom inkluż billi tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-assistenza reċiproka biex jiġu żgurati elezzjonijiet liberi u ġusti u billi jiġu stabbiliti referenzi komuni dwar prattiki tajbin għal fażijiet speċifiċi taċ-ċiklu elettorali. Hija impenjat ruħha li tmexxi avveniment ta' livell għoli dwar l-elezzjonijiet fit-tieni nofs tal-2023 u li tlaqqa' flimkien diversi awtoritajiet relatati mal-elezzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi indirizzati fil-pakkett.



- **li tappoġġa** l-parteeċipazzjoni demokratika inklużiva, inkluż għall-persuni b'diżabilità, permezz tal-programm il-ġdid dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV)<sup>(16)</sup>.

It-tnejn ta' din il-gwida tiset mill-ħidma tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali<sup>(17)</sup> f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u n-Network Akkademiku tal-Esperti Ewropej dwar id-Diżabilità. In-Network żviluppa [28 indikatur tad-drittijiet tal-bniedem](#) biex jivvaluta l-parteeċipazzjoni politika tal-persuni b'diżabilità fl-UE. Id-*data* hija miġbura f'erba' temi ewlenin: (1) it-tneħħija tal-ostakli legali u amministrattivi; (2) iż-żieda fl-għarfien dwar id-drittijiet; (3) li l-parteeċipazzjoni politika ssir aktar aċċessibbli; (4) l-espansjoni tal-opportunitajiet għall-parteeċipazzjoni.

In-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet kien involut mill-qrib fit-tnejn ta' din il-gwida, inkluż fil-qafas ta' sottogrupp iddedikat. Il-prattiki elettorali mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità ripetutament deheru f'diskussjonijiet bejn l-Istati Membri f'dan in-network u kienu parti integrali mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tgħin lill-persuni jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom<sup>(18)</sup>.

F'dan il-kuntest, 22 Stat Membru bagħtu kontributi dwar oqfsa u Prattiki elettorali dwar il-parteeċipazzjoni fl-elezzjonijiet ta' persuni b'diżabilità. L-istħarriġ żvela li hemm ħafna Prattiki biex jgħinu biex jiġi żgurat li l-elezzjonijiet ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

Biex tiġi appoġġata t-tnejn ta' din il-gwida, network ta' akkademiċi dwar iċ-ċittadinanza pproduċa studju dwar il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini b'diżabilità fl-elezzjonijiet.<sup>(19)</sup> Din il-gwida hija bbażata wkoll fuq l-istudju dwar il-parteeċipazzjoni politika ta' persuni b'diżabilità<sup>(20)</sup> imħejji fl-2018 u aġġornat fl-2021<sup>(21)</sup> minn Network Akkademiku dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadinanza Ewropea.

---

<sup>16</sup> Eżempji ta' proġetti jinkludu:

- [The Future is Ours: Persons with Disabilities Rebuild Democracy.](#)
- [Ambitions. Rights. Belonging. Keys to inclusion of people with intellectual disabilities.](#)

<sup>17</sup> FI-2010, il-FRA ppubblikat ir-rapport "Id-dritt għall-parteeċipazzjoni politika ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali u persuni b'diżabilità intellettuali". FI-2014, l-aġenzija żviluppat u ppopolat indikaturi tad-drittijiet tal-bniedem dwar id-dritt għall-parteeċipazzjoni politika ta' persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, il-FRA ppubblikat ħames infografiċi biex tgħin fis-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-vot ta' persuni b'diżabilità fost l-atturi ewlenin. Dokument ippubblikat fl-2019 janalizza r-riformi legali relatati fl-Istati Membri mill-2014.

<sup>18</sup> FI-24 ta' Jannar 2022, l-Istati Membri ddiskutew miżuri biex iżidu l-aċċessibilità fiżika tal-postijiet tal-votazzjoni, l-appoġġ fuq il-post, l-għodod ta' assistenza elettorali u metodi alternattivi ta' votazzjoni. Fil-21 ta' Settembru 2022, rappreżentant tal-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità ppreżenta r-Rapport tal-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità tal-2022 tiegħu dwar il-parteeċipazzjoni politika ta' persuni b'diżabilità. Fit-12 ta' Ġunju 2023, il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità ppreżenta proġett iffinanzjat mill-UE li għandu l-għan li jżid is-sehem ta' persuni b'diżabilità li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.

<sup>19</sup> [Study on the participation of citizens with disabilities in elections \(Studju dwar il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini b'diżabilità fl-elezzjonijiet\).](#)

<sup>20</sup> [Study on Political Participation of Persons with Disabilities.](#)

<sup>21</sup> [Study on Political Participation of Persons with Disabilities. Update of the 2018 report.](#)



Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjonijiet *ad hoc* ma' gruppi li jappoġġaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini b'diżabilità.<sup>(22)</sup>

B'mod parallel ma' din il-gwida, il-Kummissjoni ħejjiet kompendju tal-prattiki tal-votazzjoni elettronika, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea<sup>(23)</sup> u fl-istrateġija għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità. B'mod aktar speċifiku, il-kompendju<sup>(24)</sup> jħares lejn kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà fl-elementi tal-magni tal-vot li jħarsu lejn il-votant użati fil-postijiet tal-votazzjoni u l-interfaċċja tal-votazzjoni online, li huwa wkoll metodu utli ta' votazzjoni għall-persuni b'diżabilità.

## 2. Kwistjonijiet ewlenin li jiffaċċjaw iċ-ċittadini b'diżabilità

Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jstabilixxu l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-proċeduri ta' valutazzjoni biex jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità. Huma responsabbli wkoll għad-definizzjoni ta' min huwa eliġibbli biex jivvota u joħroġ għall-elezzjonijiet, f'konformità mad-dritt tal-UE u mal-istandards internazzjonali rilevanti. Iċ-ċittadini b'diżabilità jiffaċċjaw diversi ostakli legali, amministrattivi u istituzzjonali biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-ħajja demokratika. Iċ-ċittadini b'diżabilitajiet intellettuali jiffaċċjaw ostakli partikolarment sinifikanti fl-eżerċitar tad-drittijiet politiċi tagħhom, minħabba firxa ta' ostakli legali u amministrattivi. Karatteristiċi oħrajn, bħall-età u l-ġeneru, u fatturi bħall-istatus soċjoekonomiku u mezzi ekonomiċi baxxi jaffettwaw ukoll il-livelli ta' parteċipazzjoni politika taċ-ċittadini b'diżabilità. Minkejja l-isforzi sinifikanti li saru f'livelli differenti biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, bħal rieżami tal-qafas regulatorju, żieda fl-aċċessibbiltà tal-materjali u l-faċilitajiet tal-elezzjoni, għad fadal ħafna xogħol xi jsir biex jiġi appoġġat l-eżerċizzju tad-drittijiet demokratiċi u elettoralni taċ-ċittadini b'diżabilità<sup>(25)</sup>.

It-tħassib ewleni rifless fil-letteratura eżistenti u mill-partijiet ikkonċernati huwa relatat mal-ostakli li ġejjin:

- **Ostakli fiżiċi** (inklużi postijiet tal-votazzjoni inaċċessibbli, arranġamenti insuffiċjenti għall-votazzjoni għal persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet tal-kura residenzjali jew fit-tul, sptarijiet jew persuni li ma jstgħux jitolqu minn djarhom, ostakli għall-mobbiltà u materjali inaċċessibbli użati fl-elezzjonijiet, bħal poloz tal-votazzjoni, kabini tal-votazzjoni jew magni tal-votazzjoni, għażliet limitati għall-votazzjoni).

---

<sup>22</sup> Ġew organizzati laqgħat mal-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità (EDF) dwar il-parteċipazzjoni politika ta' persuni b'diżabilità, fis-16 ta' Mejju u fl-10 ta' Ġunju 2022 u fit-18 ta' April u fit-2 ta' Mejju 2023. L-EDF ipparteċipa fil-laqgħa tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet tal-21 ta' Settembru 2022. Laqgħat mar-rappreżentanti tal-Organización Nacional de Ciegos Españoles saru fl-10 ta' Novembru 2022 (il-Kummissarju Dallí), fl-25 ta' Novembru 2022 (DĠ JUST) u fis-7 ta' Frar 2023 (DĠ JUST). Fis-17 ta' Novembru 2023 saret laqgħa *ad hoc* tal-Pjattaforma tad-Diżabilità.

<sup>23</sup> [Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea.](#)

<sup>24</sup> [Compendium of e-voting and other ICT practices.](#)

<sup>25</sup> [Study on political participation of persons with disabilities.](#)

- **Ostakli għall-informazzjoni** (inkluż in-nuqqas ta' aċċess għall-kandidati politiċi u għall-informazzjoni tal-partiti, in-nuqqas ta' għarfien tal-proċess elettorali – fejn, meta u kif wieħed għandu jivvota).
- **Ostakli għall-assistenza** (inkluża assistenza limitata għall-votazzjoni, nuqqas ta' taħriġ għall-persunal tal-votazzjoni dwar kif jiġu pprovduti assistenza u limitazzjonijiet għal min jingħata assistenza).
- **Ostakli tas-soċjetà** (inklużi sterjotipi dwar iċ-ċittadini b'diżabilità, attitudnijiet u opinjonijiet ta' persuni li jindukraw/assistenti u d-disponibbiltà ta' networks ta' appoġġ u l-aċċess għalihom).<sup>(26)</sup>

### 3. Qafas tal-UE

#### 3.1. Trattati

L-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li fid-“definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq [...] diżabilità”.

Fl-Artikolu 19(1) tat-TFUE, “mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati u fil-limiti tal-poteri mogħtija minnu lill-Unjoni, il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali u bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-azzjoni xierqa sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq [...] id-diżabilità”.

Fl-Artikolu 19(2) tat-TFUE “[...] il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jadottaw il-prinċipji bażiċi għal miżuri ta' inċentiva tal-Unjoni, b'esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni [...], bl-għan li jappoġġa azzjoni tal-Istati Membri meħuda sabiex jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1”.

#### 3.2. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

L-UE hija parti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD). Konsegwentement, fl-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dik il-konvenzjoni jiffurmaw parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-UE.

Skont l-Artikolu 29 tal-UNCPRD, l-Istati Parti jeħtiġilhom jiżguraw, fost l-oħrajn, li l-proċeduri, il-faċilitajiet u l-materjali tal-votazzjoni jkunu xierqa, aċċessibbli, faċli biex jinftiehm u jintużaw.

Il-UNCPRD fiha obbligi għall-Istati Parti biex jiproteġu d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jivvotaw b'vot sigriet fl-elezzjonijiet u fir-referenda pubbliċi mingħajr intimidazzjoni, li joħorġu għall-elezzjonijiet, li jkollhom kariga effettiva u jwettqu l-funzjonijiet pubbliċi

---

<sup>26</sup> [Study on participation of citizens with disabilities in elections.](#)

kollha fil-livelli kollha tal-gvern, u biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' teknoloġiji ta' assistenza u ġodda fejn xieraq.

L-Istati Membri huma mitluba wkoll jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jesprimu liberament ir-rieda tagħhom bħala votanti. Għal dan il-għan, u fejn meħtieġ, l-Istati Membri jeħtiġilhom jippermettu lil persuna tal-għażla tagħhom stess tipprovi assistenza għall-votazzjoni, u fuq talba tagħhom.

Kumment Ġenerali Nru 2 dwar l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, adottata mill-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità<sup>(27)</sup> fil-11 ta' April 2014, jiddikjara li huwa importanti wkoll li l-laqgħat u l-materjali politiċi użati u prodotti mill-partiti politiċi jew minn kandidati individwali li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet pubbliċi jkunu aċċessibbli.

### 3.3. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ("il-Karta") jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluża d-diżabilità.

L-Artikolu 26 tal-Karta, dwar l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità, jiddikjara li l-UE tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jgawdu minn miżuri mfassla biex ikunu żgurati l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità tagħhom. Kif enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE f'*Glatze*<sup>(28)</sup>, jistgħu jitressqu kawżi quddiem il-Qorti abbażi tal-Artikolu 26 għall-interpretazzjoni u r-rieżami tal-legalità tal-atti leġiżlattivi tal-UE li jimplimentaw il-prinċipju stabbilit f'dak l-artikolu, jiġifieri l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità.

L-Artikolu 39 u l-Artikolu 40 tal-Karta jikkonċernaw id-dritt tal-vot u li wieħed joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet municiċipali.

L-Artikolu 53 tal-Karta jistabbilixxi li d-drittijiet stabbiliti fih għandhom jiġu interpretati f'konformità mad-dritt internazzjonali u minn ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma parti. Dan jinkludi l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-UNCPRD. B'mod partikolari, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta għandu jiġi interpretat filwaqt li titqies il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

### 3.4. Il-liġi elettorali tal-UE

F'termini tal-proċedura għall-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew,, l-Artikolu 223(1) tat-TFUE qabel kollox jipprevedi li huwa f'idejn il-Parlament Ewropew li jfassal proposta biex jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-elezzjoni tal-Membri tiegħu b'vot universali dirett f'konformità ma' proċedura uniformi fl-Istati Membri

---

<sup>27</sup> [Il-Konvenzjoni stabbiliet il-Kumitat CRPD, korp indipendenti li jissorvelja l-applikazzjoni ta' dan it-trattat.](#)

<sup>28</sup> [C-356/12, Glatzel.](#)

kollha jew f'konformità mal-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. It-tieni, jispeċifika li huwa f'idejn il-Kunsill tal-UE li jistabbilixxi dawn id-dispożizzjonijiet.

L-Att Elettorali tal-1976<sup>(29)</sup> jistabbilixxi l-prinċipji komuni applikabbli għall-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett.

L-Artikolu 8(1) ta' dan l-att jipprevedi li, soġġett għad-dispożizzjonijiet l-oħrajn, “il-proċedura elettorali għandha tkun regolata f'kull Stat Membru bid-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu”.

Fit-3 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ewropew adotta abbozz ta' att leġiżlattiv li jħassar l-Att Elettorali u jissostitwixxi b'regolament ġdid tal-Kunsill dwar l-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett<sup>(30)</sup>. Dan jinkludi miżuri li jippermettu lill-persuni b'diżabilità jipparteċipaw fil-proċess elettorali fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, inklużi persuni m'caħħda mill-kapaċità ġuridika tagħhom<sup>(31)</sup>. Ippropoza wkoll li jiġu stabbiliti obbligi għall-Istati Membri biex jagħmlu arranġamenti xierqa biex jgħinu lill-persuni b'diżabilità jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvotaw, jew b'mod indipendenti u sigriet, jew b'assistenza minn persuna tal-għażla tagħhom.

Id-diskussjonijiet interistituzzjonali dwar dan it-test għadhom għaddejnin.

### 3.5. Drittijiet tal-vot taċ-ċittadini mobbli tal-UE

Skont l-Artikoli 20(2)(b) u 22 tat-TFUE, iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE għandhom: (a) id-dritt li jivvotaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u (b) id-dritt li jivvotaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom. Dawn iż-żewġ drittijiet jingħataw ukoll skont il-Karta.<sup>(32)</sup>

L-Artikoli 20 u 22 tat-TFUE jipprevedu li ċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fi Stat Membru li tiegħu ma humiex ċittadini nazzjonali (ċittadini “mobbli” tal-UE) jistgħu jeżerċitaw dawn id-drittijiet taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat. B'riżultat ta' dan, il-liġijiet nazzjonali li jiddeskrivu l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar tad-dritt tal-vot

---

<sup>29</sup> [Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett. Test konsolidat.](#)

<sup>30</sup> [Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni.](#)

<sup>31</sup> “Kull ċittadin tal-Unjoni mill-età ta' 16-il sena, **inklużi l-persuni b'diżabilità irrispettivament mill-kapaċità ġuridika tagħhom**, għandu jkollu d-dritt li jivvota fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew mingħajr preġudizzju għall-ordnijiet kostituzzjonali eżistenti li jistabbilixxu età minima tal-vot ta' 18-il sena jew 17-il sena.”

<sup>32</sup> B'riżultat ta' dan, kwalunkwe limitazzjoni għandha tikkonforma mal-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u, b'mod partikolari, għandha tiġi prevista mil-liġi u tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Barra minn hekk, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-oġġettivi ta' interess ġenerali rikonnoxxuti mill-UE jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor, soġġetti għall-prinċipju tal-proporzjonalità.

taħt dimensjoni purament nazzjonali għandhom japplikaw ukoll għaċ-ċittadini mobbli tal-UE b'referenza għal elezzjonijiet muniċipali u għall-Parlament Ewropew.

Id-Direttiva 93/109/KE<sup>(33)</sup> u d-Direttiva 94/80/KE<sup>(34)</sup> jistabbilixxu l-arranġamenti għall-eżerċitar tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali għaċ-ċittadini mobbli tal-UE.

Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat pakett ta' miżuri biex issaħħaħ id-demokrazija u tipproteġi l-integrità tal-elezzjonijiet. Dan kien jinkludi żewġ proposti leġiżlattivi riformulati li jistabbilixxu arranġamenti ddettaljati rigward id-drittijiet elettoralni taċ-ċittadini mobbli tal-UE.<sup>(35)</sup>

Dawn l-inizjattivi jaġġornaw, jiċċaraw u jsaħħu r-regoli biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini mobbli tal-UE, inklużi ċ-ċittadini b'diżabilità. L-għan huwa li tiġi żgurata parteċipazzjoni wiesgħa u inklużiva fl-elezzjonijiet, li dawn il-gruppi ta' persuni jiġu appoġġati fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom u li tiġi protetta l-integrità tal-elezzjonijiet. Dawn l-inizjattivi jitolbu wkoll lill-Istati Membri biex jaġġmlu l-informazzjoni elettoralni aċċessibbli għaċ-ċittadini mobbli tal-UE b'diżabilità billi jużaw mezzi, modi u formati xierqa ta' komunikazzjoni. Dawn jipprevedu li ċ-ċittadini mobbli tal-UE jkollhom aċċess ugwali għal possibilitajiet ta' votazzjoni remoti u elettroniċi, bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru. Id-diskussjonijiet interistituzzjonali dwar dawn it-testi għadhom għaddejjin.

### 3.6. Trasparenza tar-reklamar politiku

Fil-proposta tagħha dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku<sup>(36)</sup>, parti mill-istess pakkett leġiżlattiv, il-Kummissjoni kienet konxja wkoll tal-ħtieġa li jsiru avviżi ta' trasparenza li se jakkumpanjaw ir-reklamar politiku aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Id-diskussjonijiet interistituzzjonali dwar dan it-test għadhom għaddejjin.

### 3.7. Testi oħrajn tad-dritt tal-UE

Testi rilevanti oħrajn tad-dritt tal-UE jinkludu d-Direttiva (UE) 2019/882<sup>(37)</sup> (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà) dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-

---

<sup>33</sup> [Id-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini. Test konsolidat.](#)

<sup>34</sup> [Id-Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE tad-19 ta' Diċembru 1994 li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura f'elezzjonijiet muniċipali minn ċittadin tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu ma humiex ċittadini. Test konsolidat.](#)

<sup>35</sup> [Demokrazija u drittijiet elettoralni \(europa.eu\).](#)

<sup>36</sup> [Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku.](#)

<sup>37</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi.](#)

servizzi, id-Direttivi 2014/24/UE<sup>(38)</sup> u 2014/25/UE<sup>(39)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku, id-Direttiva (UE) 2016/2102<sup>(40)</sup> (id-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web) u d-Direttiva 2010/13/UE<sup>(41)</sup> (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva).

L-Artikolu 3(1) tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà jiddefinixxi l-persuni b'diżabilità bħala persuni li għandhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettuali jew sensurju fit-tul li, meta jinteraġixxi ma' diversi ostakli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Il-Kummissjoni pproponiet li tuża l-istess definizzjoni fil-proposta tagħha dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità<sup>(42)</sup>.

#### 4. Standards internazzjonali applikabbli għall-Istati Membri tal-UE

Minbarra l-UNCPRD, li għaliha kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma Partijiet, l-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom li jżommu diversi standards internazzjonali relatati mad-drittijiet elettorali tal-persuni b'diżabilità.

Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("Konvenzjoni")<sup>(43)</sup>, li tistabbilixxi d-dritt għal elezzjonijiet liberi, hija rilevanti wkoll fil-kuntest tad-drittijiet elettorali tal-persuni b'diżabilità.

Ir-Riżoluzzjoni 2155(2017) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet politiċi tal-persuni b'diżabilità tistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri konkreti

---

<sup>38</sup> [Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE.](#)

<sup>39</sup> [Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE.](#)

<sup>40</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku.](#)

<sup>41</sup> [Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva \(Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva\)](#)

<sup>42</sup> [Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.](#) Il-QĠUE kopriet il-kunċett/id-definizzjoni ta' diżabilità f'diversi każijiet, bħal: Il-Kawża C-13/05, Chacón Navas vs Eurest Colectividades SA, ECLI:EU:C:2006:456; Il-Kawża C-303/06, Coleman vs Attridge Law, ECLI:EU:C:2008:415; Il-Kawża Magħquda C-335/11 u C-337/11, HK Danmark, li jaġixxu f'isem Jette Ring vs Dansk almennyttigt Boligselskab u HK Danmark, li jaġixxu f'isem Lone Skouboe Werge vs Dansk Arbejdsgiverforening, li jaġixxu f'isem Pro Display A/S (Ring u Skouboe Werge), ECLI:EU:C:2013:222; Il-Kawża C-363/12, Z vs Dipartiment tal-Gvern, il-Bord tat-tmexxija ta' skola komunitarja, ECLI:EU:C:2014:159; Il-Kawża C-354/13, FOA li taġixxi f'isem Karsten Kaltoft, ECLI:EU:C:2014:2463; Il-Kawża C-395/15, Daouradi vs Bootes Plus SL et, ECLI:EU:C:2016:917; Il-Kawża C-270/16, Ruiz Conejero, ECLI:EU:C:2018:17; Il-Kawża C-406/15 Milkova, ECLI:EU:C:2017:198.

<sup>43</sup> [Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem \(coe.int\).](#)



u speċifiċi biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-votazzjoni u għall-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità.<sup>(44)</sup>

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) qieset il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar l-elezzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mat-tneħħija tad-drittijiet tal-vot tal-persuni mqiegħda taħt it-tutela f'diversi każijiet. Fil-kawża Alajos Kiss vs L-Ungerija<sup>(45)</sup> u aktar reċentement fil-kawża Anatolij Marinov vs Il-Bulgarija<sup>(46)</sup>, il-QEDB ikkonkludiet li tneħħija indiskriminata tad-drittijiet tal-vot, mingħajr evalwazzjoni ġudizzjarja individwalizzata u bbażata biss fuq diżabilità mentali li teħtieġ tutela parzjali, ma tistax titqies kompatibbli mar-raġunijiet leġittimi għar-restrizzjoni tad-dritt tal-vot. Il-Qorti ma sabet l-ebda ksur tal-Konvenzjoni fil-kawża Strøbye u Rosenlind vs Id-Danimarka<sup>(47)</sup> u Caamaño Valle vs Spanja<sup>(48)</sup> fejn it-tneħħija tad-drittijiet tal-vot tal-persuni taħt tutela kienet ibbażata fuq evalwazzjonijiet ġudizzjarji bir-reqqa u individwalizzati. Il-QEDB sabet ukoll li ma setax jiġi eskluż li n-nuqqas tal-awtoritajiet li jipprovdu lill-utenti tas-siġġijiet bir-roti b'aċċess xieraq għall-postijiet tal-votazzjoni jista' jaffettwa d-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.<sup>(49)</sup>

Il-Kummissjoni ta' Venezja ħarġet Dikjarazzjoni Interpretattiva Riveduta għall-Kodiċi ta' Prattika Tajba fi Kwistjonijiet Elettorali dwar il-Parteċipazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità fl-Elezzjonijiet<sup>(50)</sup>. Din id-dikjarazzjoni tlesti l-ħames prinċipji li fuqhom huwa bbażat il-wirt elettorali tal-Ewropa: vot universali, ugwali, liberu, sigriet u dirett biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvotaw fuq bażi ugwali bħal ħaddieħor.

Waħda mill-attivitajiet tal-Uffiċċju għad-Demokratizzazzjoni u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODHIR) tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) hija li josserva l-elezzjonijiet. Il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-ODHIR jivvalutaw l-aċċessibbiltà tal-materjali ta' tagħrif, tal-listi tal-kandidati, tal-poloż tal-votazzjoni u tal-postijiet tal-votazzjoni. L-ODHIR irrefera dejjem aktar għall-UNCRCPD fir-rapporti ta' osservazzjoni elettorali tiegħu, minbarra d-Dokument ta' Copenhagen tal-OSKE u l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa bħall-Kodiċi ta' Prattika Tajba fi Kwistjonijiet Elettorali maħruġ mill-Kummissjoni ta' Venezja u d-dikjarazzjoni interpretattiva riveduta dwar il-partiċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-elezzjonijiet u l-implikazzjonijiet tal-ġurisprudenza tal-QEDB.<sup>(51)</sup>

---

<sup>44</sup> [The political rights of persons with disabilities: a democratic issue.](#)

<sup>45</sup> [Il-Kawża ta' Alajos Kiss vs L-Ungerija.](#)

<sup>46</sup> [Il-Kawża ta' Anatolij Marinov vs Il-Bulgarija.](#)

<sup>47</sup> [Il-Kawża ta' Strøbye u Rosenlind vs Id-Danimarka.](#)

<sup>48</sup> [Il-Kawża ta' Caamaño Valle vs Spanja.](#)

<sup>49</sup> [Il-Kawża ta' Mólka vs Il-Polonja, 2006.](#)

<sup>50</sup> [Revised Interpretative Declaration to the Code of Good Practice in Electoral Matters on the Participation of People with Disabilities in Elections.](#)

<sup>51</sup> Għal aktar informazzjoni, ara l-[artikolu Elezzjonijiet](#) tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).



## 5. Ambjenti li jappoġġaw il-parteeċipazzjoni fl-elezzjonijiet

Sabiex tiġi appoġġata l-parteeċipazzjoni elettorali tal-persuni b'diżabilità, huwa meħtieġ approċċ b'diversi aspetti sabiex tiżdied l-aċċessibilità ġenerali tal-ambjent, tas-servizzi u tal-informazzjoni li l-persuni b'diżabilità jinteraġixxu magħhom.

Il-punti li ġejjin jippreżentaw prattiki elettorali tajbin tal-Istati Membri. L-Anness I, li ġie żviluppat abbażi ta' dawn il-prattiki tajbin jipprovdi lista ta' kontroll prattika tal-punti differenti li għandhom jiġu indirizzati.

### 5.1. L-iżvilupp ta' politiki speċifiċi

Jeħtieġ li jiġu żviluppati politiki speċifiċi mad-diversi entitajiet involuti, inklużi l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, il-korpi tal-ugwaljanza u l-awtoritajiet tal-elezzjonijiet.

Diversi Stati Membri żviluppaw politiki b'hal dawn. Pereżempju, fin-Netherlands, fl-2021 u fl-2022, il-Ministeru tal-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju ħolqu pjan ta' azzjoni ta' votazzjoni aċċessibbli, f'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet tad-diżabilità u ma' gruppi ta' interess oħrajn, l-Assoċjazzjoni tal-muniċipalitajiet Netherlandiżi, l-Assoċjazzjoni Netherlandiża għall-Interessi taċ-Ċittadini, il-Kunsill Elettorali u l-Ministeru tas-Saħħa, il-Benessri u l-Isport. L-għan tal-pjan kien li tittejjeb l-aċċessibilità tal-postijiet tal-votazzjoni, li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-votazzjoni li hija aktar faċli biex tintfiehmed għal kulħadd, biex il-membri tal-post tal-votazzjoni jiġu informati aħjar dwar l-aċċessibilità, u biex il-partiti politiċi jiġu mħeġġa jtkellmu u jiktbu b'lingwaġġ sempliċi fil-kampanja elettorali tagħhom.

Malta spjegat l-azzjonijiet biex tappoġġa lill-kandidati b'diżabilità fl-elezzjonijiet lokali, nazzjonali u tal-UE fl-Istrateġija Nazzjonali tagħha dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità għall-2021-2030. Ir-rappreżentanti mill-Kummissjoni Elettorali, partiti politiċi u kandidati b'diżabilità qed jaħdmu mill-qrib mal-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità biex ifasslu u jimplimentaw miżuri leġiżlattivi u ta' politika ta' appoġġ sal-2026.

Ħafna mill-ħidma li saret mill-awtoritajiet elettorali ddu madwar l-istadju tal-ippjanar tal-elezzjonijiet. Permezz ta' ppjanar komprensiv u politiki u miżuri speċifiċi, dawn l-awtoritajiet jistgħu jgħinu biex jiżguraw li l-elezzjonijiet ikunu inklużivi u jgħinu biex tiżdied il-parteeċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità, speċjalment fejn dan ikun għan trażversali, integrat fil-pjanijiet operazzjonali għall-elezzjonijiet.

### 5.2. Sensibilizzazzjoni u tibdil fl-attitudnijiet

L-Istati Membri ħadu approċċi differenti biex jappoġġaw id-drittijiet elettorali tal-persuni b'diżabilità li jipparteċipaw fil-proċess elettorali. F'diversi Stati Membri, diversi awtoritajiet f'livelli differenti, inklużi l-korpi tal-ugwaljanza u l-awtoritajiet elettorali, jaħdmu biex iżidu l-parteeċipazzjoni fl-elezzjonijiet u s-sensibilizzazzjoni tal-proċessi politiċi fost il-persuni b'diżabilità. Dan jinvolvi l-organizzazzjoni ta' laqgħat, it-tmexxija ta' kampanji speċifiċi ta' informazzjoni, il-produzzjoni ta' settijiet ta' komunikazzjoni,

folji edukattivi ta' tnejnija għall-votazzjoni u fuljetti b'lingwa li tkun faċli biex tingara, stampi u dijagrammi.

Fl-Istrateġija Nazzjonali tagħha dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, *An equitable Romania, 2022-2027*<sup>(52)</sup>, ir-Rumanija impenjat ruħha li tmexxi kampanja ta' informazzjoni għall-persuni b'diżabilità rigward il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet u fir-referenda, f'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tad-diżabilità. Jista' jkun utli li tinħoloq sensibilizzazzjoni bl-użu ta' materjali tal-vidjo mfassla għall-persuni b'diżabilità, kif huwa l-każ fil-Finlandja.<sup>(53)</sup>

Il-Kummissjoni Elettorali tal-Irlanda li għadha kif ġiet stabbilita, intitolata An Coimisiún Toghcháin, għandha funtzjoni ġdida ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni tal-votanti – li taħdem biex iżżid il-parteċipazzjoni fil-proċessi demokratiċi Irlandiżi u tippromwovi s-sensibilizzazzjoni dwarhom. Bħala parti mill-mandat ta' impenn pubbliku tagħha, se tneġġeġ il-parteċipazzjoni elettorali ta' gruppi li ma jintlaħqux biżżejjed bħall-persuni b'diżabilità.<sup>(54)</sup>

Entitajiet oħrajn iwettqu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. Pereżempju, il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità jikkoordina proġett iffinanzjat mill-UE, id-Drittijiet tad-Diżabilità fl-Elezzjonijiet Ewropej (DREE), li għandu l-għan li jżid il-parteċipazzjoni politika ta' persuni b'diżabilità fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. Flimkien ma' seba' assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' membri, il-proġett DREE jagħti s-setgħa u jimmobilizza lill-persuni b'diżabilità biex isiru votanti, kandidati u promoturi.<sup>(55)</sup>

Fl-2011, Inclusion Europe wettqet il-proġett *Accommodating Diversity for Active Participation in European Elections*, iffinanzjat taħt il-programm tad-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza, li ħoloq sensibilizzazzjoni dwar l-ostakli għall-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità fl-Ewropa. Żviluppat ukoll gwida nazzjonali<sup>(56)</sup> intitolata *Voting for All! Recommendations for Accessible Elections in Europe*<sup>(57)</sup>, u ġabra ta' Prattiki tajbin għal elezzjonijiet aċċessibbli fl-Ewropa<sup>(58)</sup> ippublikati bl-Ingliż, bil-Franċiż u biċ-Ċek. Għall-elezzjonijiet li jmiss għall-Parlament Ewropew, Inclusion Europe se twettaq kampanja ta' sensibilizzazzjoni li tiffoka fuq in-nisa b'diżabilità intellettuali u l-parteċipazzjoni politika. Il-kampanja se tinkludi serje ta' intervisti ma' awtopromoturi, nisa b'diżabilità fil-politika, biex tisma' l-feedback tagħhom dwar l-importanza tal-votazzjoni u li jiġu eletti għan-nisa b'diżabilità. Se tippromwovi vidjos dwar il-votazzjoni, dwar il-kwistjoni tat-tutela u se toħloq sensibilizzazzjoni dwar l-elezzjonijiet fost il-persuni b'diżabilità billi tmexxi kampanja ta' komunikazzjoni.

---

<sup>52</sup> [Strategia națională „O Românie echitabilă”, 2022-2027 – Autoritatea Națională pentru Protecția Drepturilor Persoanelor cu Dizabilități \(gov.ro\).](#)

<sup>53</sup> Ara, pereżempju, [Yle broadcasts municipal election debate in “Easy Finnish”.](#)

<sup>54</sup> [Ireland's Statutory, Independent Electoral Commission.](#)

<sup>55</sup> [Disability Rights in the European Elections \(DREE\).](#)

<sup>56</sup> [Creating successful campaigns for more accessible elections \(inclusion-europe.eu\).](#)

<sup>57</sup> [Recommendations for Accessible Elections in Europe.](#)

<sup>58</sup> [Good Practices for Accessible Elections in Europe.](#)

### 5.3. Il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jappoġġaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet li jappoġġaw id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità huma involuti fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu elettorali, permezz ta' djalogu u kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti. Pereżempju, dawn l-organizzazzjonijiet huma inklużi fil-proċess ta' diskussjoni u tfassil ta' regoli ġodda dwar il-votazzjoni assistita jew fl-evalwazzjoni tar-regoli dwar l-assistenza fir-rigward ta' elezzjonijiet speċifiċi.

Fil-Kroazja u fi Spanja, l-organizzazzjonijiet tad-diżabilità huma involuti fi proġetti konġunti biex jappoġġaw lill-votanti b'vista batuta billi jipproduċu reġistrazzjonijiet bil-ħoss tal-lista ta' kandidati jew jappoġġaw lill-votanti b'indebolimenti awdjoviżivi. Huma jipprovdu dan l-appoġġ permezz ta' tradutturi li jakkumpanjawhom mid-dar sal-post tal-votazzjoni u lura, billi jipprovdu interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali jew interpretazzjoni speċifika oħra u billi jgħinuhom jimlew il-poloż tal-votazzjoni.

L-organizzazzjonijiet tad-diżabilità jistgħu jgħinu wkoll fit-tnejn ta' materjali u taħriġ elettorali uffiċjali, inkluża informazzjoni speċifika għall-elezzjonijiet b'lingwaġġ sempliċi, kif sar fil-Litwanja, fil-Lussemburgu u fil-Portugall, u karti elettorali faċli biex jinftiehem, bħal fl-Ungerija. Huma jwettqu wkoll l-inizjattivi tagħhom stess biex jipromwovu l-aċċessibbiltà fl-elezzjonijiet. Pereżempju, huma jqassmu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni u jipprovdu taħriġ lill-uffiċjali elettorali dwar l-aċċessibbiltà. Il-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Finlandja jappoġġa l-għoti ta' informazzjoni elettorali għal dawk b'vista batuta flimkien mal-Federazzjoni Finlandiża tal-Persuni b'Vista Batuta. Fi Spanja, il-proċedura ta' votazzjoni aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità viżwali bl-użu tas-sistema ta' qari u kitba bil-Braille hija implimentata f'kooperazzjoni ma' ONCE (l-organizzazzjoni nazzjonali tal-persuni għomja Spanjoli<sup>(59)</sup>). Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Spanjoli u l-organizzazzjonijiet tad-diżabilità biex jitneħnew l-ostakli ffaċċjati matul il-proċessi elettorali wasslet ukoll għall-użu ta' sinjalar aċċessibbli fil-postijiet tal-votazzjoni u manwal faċli biex jinqara għall-membri tal-postijiet tal-votazzjoni.

F'diversi Stati Membri, l-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni tiġi vvalutata kontra listi ta' kontroll maħluqa b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti u mill-organizzazzjonijiet tad-diżabilità jew żviluppanti minn organizzazzjonijiet bħal dawn infushom. Organizzazzjonijiet bħal dawn jistgħu jappoġġaw ukoll lill-awtoritajiet billi jippreparaw kwestjonarji, kif isir fil-Latvja, linji gwida, kif isir fil-Belġju u fir-Rumanija, u billi jinħarġu rakkomandazzjonijiet, u jinġabar u jiġi ppreżentat feedback dwar l-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni u tal-materjali elettorali. L-organizzazzjonijiet jistgħu jkunu involuti wkoll fl-ispezzjoni tal-postijiet tal-votazzjoni biex jiġi aċċertat li dawn ikunu aċċessibbli, kif isir fil-Litwanja.

---

<sup>59</sup> [Sit web ta' ONCE.](#)

Stati Membri oħrajn bħall-Kroazja, l-Irlanda, ir-Rumanija u Spanja fformalizzaw il-kooperazzjoni tagħhom ma' organizzazzjonijiet tad-diżabilità, jew billi kkonkludew ftehimiet speċifiċi jew billi stabbilew gruppi ta' ħidma.

B'riżultat tal-ftehim iffirmit fl-2021 bejn il-Ministeru Spanjol tal-Intern u l-assoċjazzjoni *Plena Inclusión España* (Inklużjoni Sħiħa Spanja), tnedja proġett pilota<sup>(60)</sup> għal sinjaljar aċċessibbli matul l-aħħar elezzjonijiet lokali fl-2023.<sup>(61)</sup> Dan kien jinvolvi d-distribuzzjoni ta' posters biex tiġi promossa l-aċċessibbiltà konjittiva (għall-persuni b'diżabilità intellettuali u persuni akbar fl-età) fil-postijiet tal-votazzjoni fil-belt ta' Madrid, proġett li kien jinkludi wkoll il-kollaborazzjoni tad-Delegazzjoni tal-Gvern f'Madrid. Il-proġett, implimentat ukoll fl-aħħar elezzjonijiet parlamentari, kien jikkonsisti f'total ta' seba' pittogrammi mfassla minn *Plena Inclusión* biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-post tal-votazzjoni, u gwida<sup>(62)</sup>. Huwa previst li dan il-proġett jiġi estiż għal bliet oħrajn f'seħħiet għal proposti futuri.

#### 5.4. Iż-żieda fl-aċċessibbiltà u fl-utilizzabbiltà tal-binjiet

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw rekwiżiti speċifiċi biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jaċċessaw il-binjiet. Jeħtieġ li l-binjiet jintużaw b'mod sikur u mingħajr aċċess ostakolat minn persuni b'indebolimenti fiżiċi. Binja aċċessibbli tfisser li tkun konvenjenti, sikura u li tista' tintuża b'mod indipendenti minn kulħadd, inklużi persuni b'diżabilità jew gruppi li jeħtieġu tagħmir speċjali jew arranġamenti tekniċi. Il-binjiet u l-infrastruttura jrid ikollhom mill-anqas mogħdija waħda aċċessibbli, li tipprovdi aċċess sikur u komdu għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

#### 5.5 Taħriġ u appoġġ speċifiku għall-uffiċjali elettorali

F'diversi Stati Membri, il-linji gwida u l-manwali għall-uffiċjali tal-postijiet tal-votazzjoni, normalment ippreparati f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tad-diżabilitajiet, jipprovdu informazzjoni dwar kif jagħmluha aktar faċli għall-persuni b'diżabilità li jivvotaw, inklużi l-akkoljenza u l-assistenza lill-votanti b'diżabilità, imfassla għat-tip ta' diżabilità tagħhom. L-uffiċjali tal-postijiet tal-votazzjoni huma mħarrġa wkoll dwar kif għandhom jagħmlu konnessjoni ma' persuni b'diżabilità u jgħinuhom jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom, indipendentement jew bl-għajnuna.<sup>(63)</sup> Id-Danimarka tħejji wkoll kwizzijiet għall-uffiċjali elettorali biex tittestja l-għarfien tagħhom dwar kif għandhom jgħinu lill-votanti. Fin-Netherlands, il-persuni b'diżabilità jistgħu jivvolontarjaw u jiġġestixxu postijiet tal-votazzjoni.<sup>(64)</sup> Il-Kroazja tipprovdi taħriġ għall-uffiċjali elettorali dwar kif jgħinu lill-votanti b'diżabilità u

---

<sup>60</sup> [Accessibility](#). Elecciones Generales Julio 2023.

<sup>61</sup> 28 ta' Mejju 2023.

<sup>62</sup> [Guía para señalar los colegios electorales](#).

<sup>63</sup> Pereżempju fil-Belġju, fl-Estonja, fil-Kroazja, f'Ċipru, fid-Danimarka, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fi Spanja, fl-Iżvezja.

<sup>64</sup> [Accessible and inclusive elections in the Netherlands](#).

tippubblika informazzjoni speċifika dwar il-proċeduri ta' votazzjoni għall-persuni b'diżabilità biex jitqassmu lill-kumitati elettorali.

Spanja tipprovdi appoġġ speċifiku għal persuni b'vista batuta, insuffiċjenza fis-smiġh jew diżabilità intellettuali, li huwa ffinanzjat pubblikament. Dan jinkludi manwali faċili biex jinqraw u servizz ta' ċirkwit ta' induzzjoni manjetika mingħajr ħlas fil-post tal-votazzjoni għal persuni b'insuffiċjenza fis-smiġh (utenti ta' apparat ta' għajjnuna għas-smiġh) li jkunu nħatru membri tal-post tal-votazzjoni (kemm membri sħaħ kif ukoll supplenti). Torganizza wkoll servizz ta' interpretazzjoni tal-lingwa bis-sinjali mingħajr ħlas għal persuni b'insuffiċjenza fis-smiġh li jkunu ġew maħtura bħala uffiċjali tal-postijiet tal-votazzjoni u għal persuni b'vista batuta u indebolimenti konjittivi, fuq talba tagħhom.<sup>(65)</sup>

## 6. Ħidma biex jintlaħqu l-persuni b'diżabilità matul iċ-ċiklu elettorali

### 6.1. L-aċċessibbiltà tal-komunikazzjonijiet uffiċjali

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (inklużi l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvezja) iħejju u jqassmu materjal edukattiv għall-votanti u jipprovdu informazzjoni elettorali, inkluż għal gruppi speċifiċi ta' votanti, bħall-persuni b'diżabilità. Dawn jipprovdu informazzjoni dwar l-elezzjonijiet f'diversi formati bħal vidjo, awdjo, b'tipa kbira, fuljetti, karti u manwali b'lingwaġġ faċili biex jinqara, Braille u "kotba tal-awdjo daisy".

Is-siti web li jipprovdu informazzjoni dwar l-elezzjonijiet iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti internazzjonali ta' aċċessibbiltà, bħal-Linji Gwida dwar l-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-Web<sup>(66)</sup>. Is-siti web gradwalment qed isiru aktar aċċessibbli fl-Istati Membri kollha. F'xi każijiet, il-votanti jistgħu jirrapportaw nuqqasijiet fl-aċċessibbiltà ta' dan il-kontenut permezz ta' formola ta' kuntatt, bħal fil-Ġermanja.

Xi Stati Membri qed jaħdmu wkoll fuq formati diġitali speċifiċi, bħal vidjos u apps biex jgħinu fl-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità u jneħħu l-ostakli. F'pajjiżi oħrajn, bħaċ-Ċekja, il-fuljetti jinkludu kodiċijiet QR li jirreferu għal kampjuni tal-poloż u l-vidjos bil-lingwa tas-sinjali għal dawk b'insuffiċjenza fis-smiġh. Il-Finlandja tiftaħ helpline tat-telefown għall-elezzjonijiet u servizz tal-WhatsApp qabel kull elezzjoni. Il-Greċja tipprovdi servizz online ta' "*Kun af fejn wieħed għandu jivvota*" fejn il-votanti jistgħu jimlew formola b'informazzjoni personali bażika u jirċievu awtomatikament informazzjoni dwar il-post tal-votazzjoni li se jivvotaw fih, inkluż l-indirizz u mappa ta' aċċess għall-post tal-votazzjoni. Fil-Litwanja, vidjos relatati mal-elezzjoni mħejjija jew ordnati mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali huma mxandra fuq stazzjonijiet tat-televiżjoni nazzjonali u portali tal-aħbarijiet u tradotti f'lingwa tas-sinjali.

---

<sup>65</sup> Dawn is-servizzi jistgħu jintalbu mill-Bord Elettorali taż-Żona, bil-miktub u fi żmien 7 ijiem min-notifika tal-ħatra tagħhom.

<sup>66</sup> [WCAG 2 Overview of the Web Accessibility Initiative \(WAI\) - W3C](#).

F'diversi Stati Membri, bħal Franza u l-Greċja, ix-xandara tal-media huma mħeġġa jagħmlu l-programmi kollha tagħhom dwar l-elezzjonijiet aċċessibbli: aħbarijiet fuq it-televiżjoni, dibattiti bejn kandidati, programmi u dokumentarji dwar kampanji elettorali u kandidati. Dawn jistgħu jiksbu aċċessibilità billi jżidu sottotitar (simultanju għal trażmissjonijiet haġġin) u interpretazzjoni tas-sinjali. Ir-regolatur tal-media Franċiż ippubblika gwida b'eżempji konkreti li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità viżwali tal-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali.<sup>(67)</sup> Il-fornituri Franċiżi tas-servizz tat-televiżjoni b'udjenza annwali medja ta' aktar minn 2,5 % tal-udjenza totali huma meħtieġa jagħtu aċċess għall-programmi kollha tal-aħbarijiet elettorali lil persuni b'insuffiċjenza fis-smiġħ billi jipprovdu sottotitar jew lingwa tas-sinjali. Għall-elezzjoni presidenzjali Franċiża, il-kandidati kollha jeħtiġilhom jipprovdu reklami televiżivi aċċessibbli, tal-anqas b'sottotitoli anke jekk xi kandidati jipprovdu wkoll lingwa tas-sinjali.<sup>(68)</sup> Awtorità indipendenti inkarigata mill-istabbiliment tar-regoli tal-kampanja fil-media tivverifika dan l-obbligu.<sup>(69)</sup> Fornituri oħrajn Franċiżi tas-servizz tat-televiżjoni huma meħtieġa jiffaċilitaw l-aċċess (bis-sottotitar jew bil-lingwa tas-sinjali) għall-persuni b'insuffiċjenza fis-smiġħ għall-programmi ewlenin tal-aħbarijiet elettorali fil-ħinijiet meta jkun hemm l-aktar telespettaturi u jeħtiġilhom jagħmlu d-dibattiti bejn il-kandidati aċċessibbli. Il-kandidati mistiedna biex jikkellmu fuq pjattaformi tat-televiżjoni jistgħu jivverifikaw ukoll mal-istazzjonijiet li fil-fatt jipprovdu dawn il-karatteristiċi ta' aċċessibilità.<sup>(70)</sup>

Diversi Stati Membri (bħall-Estonja, il-Ġermanja, l-Ungerija u l-Litwanja) jikkondividu informazzjoni dwar l-aċċessibilità tal-postijiet tal-votazzjoni permezz ta' applikazzjonijiet ta' mapep diġitali, fuq is-siti web tal-awtoritajiet elettorali, jew dwar in-notifika tal-elezzjoni mibgħuta lill-votanti.

Fil-Ġermanja, l-informazzjoni pprovdata lill-votanti dwar fejn jinsabu l-postijiet tal-votazzjoni fiha diversi pittogrammi li jiddeskrivu kif inhu mqassam l-post tal-votazzjoni u tinkludi numri tat-telefown.

In-Netherlands jipprovdu għodda online<sup>(71)</sup> li tillokalizza l-postijiet tal-votazzjoni li jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. L-għodda għandha kriterji ta' tiftix differenti inklużi għajnuniet viżwali, għajnuniet tas-smiġħ, akustika adatta għall-persuni neqsin mis-smiġħ u faċilitajiet aċċessibbli oħrajn.

Franza tuża wkoll pannelli ta' informazzjoni fuq barra biex tindika l-post u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-postijiet tal-votazzjoni, li jridu jikkonformaw ma' rekwiżiti speċifiċi biex jiżguraw il-leġġibbiltà u l-viżibbiltà tal-informazzjoni.

---

<sup>67</sup> [Guide de mise en image de la Langue des signes française.](#)

<sup>68</sup> [Présidentielle 2022: comment l'Arcom renforce l'accessibilité de la campagne électorale.](#)

<sup>69</sup> [Autorité de régulation de la communication audiovisuelle et numérique.](#)

<sup>70</sup> [Le vote des personnes en situation de handicap: l'accessibilité des opérations de vote. Les élections en France.](#)

<sup>71</sup> Is-sit web [Alle stembureaus in Nederland](#) fih informazzjoni dwar fejn jinsabu l-postijiet tal-votazzjoni u l-punt sa fejn ikunu (esktra) aċċessibbli.

Fi Spanja, il-postijiet tal-votazzjoni jridu jkunu mmarkati kif xieraq, inkluża referenza għall-faċilitajiet aċċessibbli disponibbli u l-ħinijiet tal-ftuħ.

FI-Ungerija, il-kampanji ta' informazzjoni għall-votanti jinkludu notifikati individwali lill-votanti u messaġġi mfassla apposta għall-persuni b'diżabilità. Dawn jipprovdu karti elettorali b'lingwa faċli biex tinftiehem u materjal ta' akkumpanjament faċli biex jinqara, fuq talba tal-votant.

In-Netherlands jipprovdu lill-muniċipalitajiet u lil sħab oħrajn b'sett ta' għodod diġitali li jkun fih diversi għodod ta' komunikazzjoni għall-votanti b'diżabilità. Dan jipprovdi informazzjoni dwar liema faċilitajiet ikunu disponibbli fil-post tal-votazzjoni, sabiex il-votanti jkunu jistgħu jifgħu l-vot tagħhom b'mod indipendenti. Jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-elezzjonijiet b'lingwa aċċessibbli u b'lingwa tas-sinjali permezz ta' sit web apposta. Is-sett ta' għodod fih ukoll verżjoni diġitali aċċessibbli tal-polza tal-votazzjoni, pereżempju. Għall-materjali kollha ta' komunikazzjoni dwar l-elezzjonijiet, dan jenfasizza l-komunikazzjoni viżwali kemm jista' jkun u l-użu ta' lingwaġġ ċar. F'kollaborazzjoni ma' gruppi ta' interess, ġew żviluppanti materjali ta' komunikazzjoni li tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-persuni b'diżabilità. Dan jinkludi struzzjonijiet dwar kif wieħed għandu jivvota bl-użu ta' mudell tal-votazzjoni, ta' fuljett u ta' gazzetta elettorali għall-votanti b'diżabilità konjittiva (ħafifa), ta' infografika dwar l-għajnuniet fil-post tal-votazzjoni, ta' vidjos informattivi bil-lingwa tas-sinjali, ta' verżjoni diġitali aċċessibbli tal-polza tal-votazzjoni u ta' prova ta' prokura disponibbli online, ta' informazzjoni dwar il-faċilitajiet ta' aċċessibilità fil-postijiet tal-votazzjoni fuq sit web apposta. Barra minn hekk, xi muniċipalitajiet jorganizzaw vot ta' prova bħala tnejn għall-elezzjoni biex jagħtu lill-votanti l-opportunità li "jipprattikaw" kif jifgħu l-vot tagħhom, u biex ikunu jistgħu jivvotaw b'mod indipendenti fil-jum tal-elezzjoni.

Spanja tipprovdi numru tat-telefown bla ħlas għas-servizz tal-klijenti għal persuni li jippanaw li jużaw il-proċedura ta' votazzjoni aċċessibbli - sistema tal-kitba u qari bil-Braille. Dan is-servizz tat-telefown jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-kandidati elettorali u aspetti oħrajn tal-proċedura tal-votazzjoni.

L-lżvezja tipprovdi sit web "li jtkellem" għal persuni b'vista batuta u persuni b'diffikultajiet fil-qari ta' test (pereżempju, persuni b'dislessija) sabiex ikunu jistgħu jsimgħu l-informazzjoni tinqara.

## 6.2. L-aċċessibilità tar-reklamar politiku

Fi Franza, il-kandidati huma mistiedna jagħmlu disponibbli d-dokumenti kollha tal-kampanja elettorali (eżempju fuljetti) simultanjament f'forma stampata fuq karta, fuq sit web (li jissodisfa r-rekwiżiti ta' aċċessibilità legali<sup>(72)</sup>) u f'format aċċessibbli b'valur probatorju, f'konformità mal-kriterji ta' aċċessibilità tal-Att dwar id-Drittijiet u l-Opportunitajiet Indaqs tal-2005. Dan irid ikun disponibbli wkoll f'verżjoni faċli biex

---

<sup>72</sup> RGAA: référentiel général d'amélioration de l'accessibilité, décret No 2009-546 du 14 mai 2009 modifié en septembre 2019.



tingara u li tintiehem. Dan il-materjal irid ikun disponibbli mill-bidu tal-kampanja elettorali sal-għeluq tal-votazzjoni.<sup>(73)</sup>

F'diversi Stati Membri, bħall-Ungerija u Spanja, l-isponsors jeħtiġilhom jiżguraw li r-reklamar politiku jkun aċċessibbli. Fil-Litwanja, mill-2019, għal kull elezzjoni, il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tinforma lill-kandidati li għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-votanti b'diżabilità fit-tnejja tal-materjali elettorali tagħhom.

Fi Spanja, l-organizzazzjonijiet politiċi huma meħtieġa jiżguraw li l-attivitajiet pubbliċi tagħhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u jipprovdu informazzjoni aċċessibbli, kull meta jkun possibbli. Dan jinkludi paġni web, materjali stampati f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, servizzi ta' assistenza bit-telefown u formati awdjoviżivi. L-istazzjonijiet nazzjonali tat-televiżjoni u tar-radju li huma proprjetà pubblika huma meħtieġa li jagħmlu disponibbli spazji ħielsa għar-reklamar politiku ta' kandidati, ta' partiti politiċi, ta' federazzjonijiet, ta' koalizzjonijiet u ta' gruppi ta' votanti, li jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċessibilità ta' persuni b'diżabilità.

Għall-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew, l-Assoċjazzjoni Ġermaniża għall-Persuni Għomja u b'Vista Batuta ttestjat l-użu u l-leġġibbiltà tal-materjali użati fil-kampanja elettorali għall-utenti ta' qarrej tal-iskrin. Huma kklassifikaw il-materjali skont kriterji stabbiliti u bagħtu r-riżultati ta' din il-valutazzjoni lill-partiti politiċi li kienu qed jikkandidaw għall-elezzjoni.<sup>(74)</sup>

## **7. Disinn universali u akkomodazzjoni raġonevoli fiċ-ċiklu elettorali - proċeduri, faċilitajiet u materjali**

### **7.1. Proċeduri ta' reġistrazzjoni**

L-użu ta' proċeduri ta' reġistrazzjoni fil-proċess elettorali, irrispettivament mill-iskop tagħhom, jipprovdi opportunitajiet kritiċi għall-iffaċilitar tal-interazzjonijiet bejn il-persuni b'diżabilità u l-awtoritajiet kompetenti, inkluż permezz ta' għodod u mezzi aċċessibbli differenti, bħal karti aċċessibbli u forom diġitali. Meta r-reġistrazzjoni ssir personalment, l-aċċessibilità tal-postijiet u l-informazzjoni hija ta' importanza kbira.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ir-reġistrazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet nazzjonali hija awtomatika. Żewġ Stati Membri, Ċipru u l-Irlanda, jużaw reġistrazzjoni attiva tal-votant, filwaqt li oħrajn jużaw għodod online biex jirreġistraw il-preferenza jew id-dritt għal proċedura speċifika ta' votazzjoni, bħall-votazzjoni bil-posta jew il-votazzjoni mobbli. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu ta' dawn l-għodod, l-Istati Membri implimentaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità u żguraw li l-kontenut online huwa aċċessibbli minn firxa ta' apparati. Dawn żviluppaw ukoll formoli ssimplifikati b'lingwaġġ ċar u ffokat fuq l-utent. F'Ċipru, l-uffiċċji tal-Amministrazzjonijiet Distrettwali li jittrattaw l-applikazzjonijiet ta' reġistrazzjoni fir-reġistri elettorali huma aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. L-għoti

---

<sup>73</sup> [Le vote des personnes en situation de handicap: l'accessibilité des opérations de vote. Les élections en France.](#)

<sup>74</sup> [Ċeremonja taċ-Ċertifikat - Assoċjazzjoni Ġermaniża għall-Persuni Għomja u b'Vista Batuta.](#)

ta' informazzjoni aċċessibbli dwar ir-reġistrazzjoni tal-votanti, kif isir minn diversi Stati Membri bħal-Lussemburgu, huwa kruċjali wkoll biex jiġi ffaċilitat dan il-proċess.

F'xi Stati Membri, il-kandidati jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ speċifiku, bħal għotjiet żgħar għall-interpretazzjoni u t-trasport tas-sinjali, li jistgħu jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' dokumenti fejn dan isir personalment biss. Fi Stati Membri oħrajn, bħar-Rumanija<sup>(75)</sup>, il-kandidati jistgħu wkoll jiġbru firem ta' appoġġ permezz ta' mezzi elettroniċi.

## 7.2. Iż-żieda fl-aċċessibbiltà tal-postijiet tal-votazzjoni, tal-kabini tal-votazzjoni u tal-kaxxi tal-voti

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw diversi rekwiżiti biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jivvotaw fil-post tal-votazzjoni. Ir-rekwiżiti jkopru aspetti differenti tal-proċess tal-votazzjoni u l-interazzjonijiet mal-votanti b'diżabilità fil-bini tal-votazzjoni, il-materjali elettoralni u l-persunal elettoralni<sup>(76)</sup>. Dan jinkludi l-wasla u d-dħul fil-post tal-votazzjoni, l-identifikazzjoni tal-votant, l-iffirmar fuq reġistru elettoralni, jew bl-idejn jew b'mod elettroniku, id-dħul f'kabina tal-votazzjoni, il-votazzjoni fuq poloz ibbażati fuq karta jew fuq magni tal-vot, id-dħul tal-polza bbażata fuq karta f'kaxxa tal-voti u l-ħruġ mill-post tal-votazzjoni. Diversi Stati Membri pprovdew linji gwida u listi ta' kontroll iddettalji, li ta' spiss ġew żviluppati flimkien ma' organizzazzjonijiet tad-diżabilità, li jkopru kriterji li jvarjaw mill-aċċessibbiltà bit-trasport pubbliku sa jekk hemmx rampi u politiki ta' qbiż tal-kju. Pereżempju, Malta tiffaċilita l-votazzjoni minn persuni b'diżabilità billi tippermettilhom prijorità fil-kju (f'ħinijiet speċifiċi) fil-post tal-votazzjoni rispettiv tagħhom.

F'xi Stati Membri, bħall-Awstrija<sup>(77)</sup> u l-Ungerija, kull muniċipalità trid tipprovi mill-anqas post tal-votazzjoni wieħed mingħajr ostakli. Fi Stati Membri oħrajn, huwa obligatorju li l-postijiet tal-votazzjoni kollha jkunu magħmula aċċessibbli, bħal fi Franza, fin-Netherlands, fi Spanja u fis-Slovenja. Stati Membri oħrajn, bħall-Greċja, qed ifittxu, skont il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-persuni b'diżabilità, li joħolqu reġistru ta' bini aċċessibbli fil-livell tal-muniċipalità (l-ewwel grad ta' gvern lokali), li se jintuża wkoll bħala postijiet tal-votazzjoni. Fi Stati Membri oħrajn, bħall-Irlanda, l-uffiċjali elettoralni huma meħtieġa jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-postijiet tal-votazzjoni jkunu aċċessibbli, li jinkludi li jkunu pprovduti f'kull post tal-

---

<sup>75</sup> Fil-każ ta' elezzjonijiet parlamentari.

<sup>76</sup> L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Finlandja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvezja u s-Slovenja.

<sup>77</sup> Skont l-Att dwar l-Emenda tad-Drittijiet tal-Vot tal-2023 (*Wahlrechtsänderungsgesetz 2023*), mill-2024, il-postijiet tal-votazzjoni kollha jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet qafas ta' § 6 "*Bundes-Behindertengleichstellungsgesetz*" (l-Att Federali dwar l-Opportunitajiet Indaqs għall-persuni b'diżabilità). Skont din id-dispożizzjoni, il-postijiet tal-votazzjoni kollha għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità mingħajr ostakli, soġġetti għal fattibbiltà teknika. Fi kwalunkwe każ, kull bini li fih jiġi stabbilit post tal-votazzjoni jrid jagħmel mill-anqas post wieħed tal-votazzjoni b'kabini tal-votazzjoni aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Mill-2028, il-postijiet tal-votazzjoni kollha fl-Awstrija (inklużi l-kabini tal-votazzjoni) iridu jkunu mingħajr ostakli, bla eċċezzjoni.

votazzjoni mejda u siġġu xierqa, li huma ppożizzjonati sabiex tiġi żgurata s-segretezza tal-votazzjoni u tiġi pprovduta pożizzjoni aktar konvenjenti għall-votanti li jużaw is-siġġijiet tar-roti, li għandhom diżabilità fiżika, vista batuta jew votanti aktar imdañhla fl-età.

F'diversi Stati Membri, l-ispazji tal-parkeġġ ħdejn il-postijiet tal-votazzjoni jridu jikkonformaw ma' rekwiżiti stretti f'termini tas-sinjalar u l-wiċċ tagħhom, bħall-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands. Il-postijiet tal-votazzjoni jridu jkunu aċċessibbli bit-trasport pubbliku. Il-persuni b'diżabilità, inklużi l-utenti tas-siġġijiet tar-roti, jeħtiġilhom ikunu jistgħu jidħlu, jiċċaqilqu u joħorġu mill-postijiet tal-votazzjoni f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, jekk ikun meħtieġ, billi jagħmlu arranġamenti temporanji jew permanenti (bħal fil-Belġju, fil-Ġermanja, fid-Danimarka, fl-Estonja, fi Franza, fil-Finlandja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, fir-Rumanija, fl-Iżvezja u fis-Slovenja). Dan jinkludi l-użu ta' prijorità ta' bini b'sular wieħed, fetħiet kbar tal-bibien li jitħaddmu awtomatikament jew faċilment, rampi b'inklinazzjoni baxxa, poġġamani kontinwi, żoni ta' mmanuvrar ċatti quddiem il-bibien, kurituri wiesgħa biżżejjed, rotot mingħajr ostakli, dawl adegwat, siġġijiet fiż-żona ta' stennija, sinjalar adattat, mogħdijiet ta' gwida, sinjali ta' kodifikazzjoni tal-kuluri u mezzi xierqa oħrajn biex jiggwidaw lill-votanti b'vista batuta. Stati Membri oħrajn, bħal Franza, id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands u Spanja jippermettu wkoll lill-persuni b'diżabilità jidħlu bil-klieb ta' gwida u bil-klieb ta' assistenza tagħhom.

Xi Stati Membri, bħall-Belġju, Spanja<sup>(78)</sup> u r-Rumanija<sup>(79)</sup>, stabbilew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kabini tal-votazzjoni skont il-liġi. Il-kabini tal-votazzjoni jridu jkunu mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari l-utenti tas-siġġijiet tar-roti. Fil-Lussemburgu, fi Franza u fl-Italja, pereżempju, waħda mill-kabini li għandhom jiġu stabbiliti f'kull post tal-votazzjoni trid tiffassal għal aċċess minn persuni b'diżabilità. Dan ifisser li jrid ikollhom daqs minimu, jitqiegħdu f'żona li tippermetti biżżejjed spazju ta' rotazzjoni u jiġu pprovduti b'karatteristiċi speċifiċi, bħal vireg ta' appoġġ orizzontali, imwejjed jew xkafef f'ċertu għoli jew aġġustabbli bi spazju suffiċjenti għas-saqajn, u dawl suffiċjenti. Xi Stati Membri, bħan-Netherlands, jagħmlu disponibbli wkoll lentijiet li jkabbru għall-qari bid-dawl. Għodod oħrajn użati għall-votazzjoni, bħal pinen jew lapsijiet, iridu jkunu faċilment aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

L-aċċessibilità tal-kaxxi tal-voti hija importanti wkoll meta l-votanti jkollhom bżonn idañhlu l-poloż tagħhom fil-kaxxa tal-voti huma stess. Il-kaxxa tal-vot trid tkun tista' tintgħaraf faċilment u titqiegħed f'żona li tippermetti aċċess mhux ostakolat u spazju suffiċjenti ta' mmanuvrar. Il-fetħa tal-kaxxa tal-voti u l-kontrolli tal-magni tal-votazzjoni elettroniċi jridu jitqiegħdu f'ċertu għoli. Irid ikun hemm disponibbli tarġa għal persuni li ma jkunux jistgħu jilħqu x-xaqq tal-kaxxa tal-voti filwaqt li din tkun tikkonforma wkoll


---

<sup>78</sup> Skont l-[Ordni INT/511/2022 ta' Ġunju 3](#), li timmodifika d-dispożizzjonijiet tad-[Digriet Rjali 605/1999 ta' April 16 dwar ir-regolamentazzjoni komplementari tal-kabini tal-votazzjoni tal-proċessi elettorali](#) jridu jkunu aċċessibbli bis-sħiħ.

<sup>79</sup> [Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Elettorali Permanenti Nru 44/2016 dwar is-sett minimu ta' kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati fil-lokalitajiet fejn joperaw il-postijiet tal-votazzjoni u t-tagħmir minimu tagħhom.](#)

mar-rekwiżiti tas-sikurezza. Fi Franza, pereżempju, il-liġi tirrikjedi li l-kaxxa tal-voti f'kull post tal-votazzjoni trid tkun aċċessibbli wkoll għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti.

F'xi Stati Membri (bħall-Estonja), il-postijiet tal-votazzjoni huma mgħammra bi mwejjed u bi skrins li jippermettu lill-votanti jimlew il-polza tal-votazzjoni waqt li jkunu bilqiegħda jew f'siġġu tar-roti. Jiġu pprovduti lentijiet li jkabbru biex jgħinu lill-votanti jimlew il-polza tal-votazzjoni u jaqraw il-lista tal-kandidati. Huma disponibbli servizzi ta' traduzzjoni bil-lingwa tas-sinjali mill-bogħod, li jippermettu lill-votanti jtkellmu bil-lingwa tas-sinjali jikkomunikaw aktar faċilment mal-membri tal-kumitat distrettwali tal-votazzjoni. Fi Franza, sabiex il-persuni għomja jew b'vista batuta jitħallew jiffirmaw fil-post it-tajeb fuq ir-reġistri elettorali jew fuq il-folji tal-attendenza, huwa rakkomandat l-użu ta' għajnuna għall-firma b'kulur kontrastanti (tieqa fuq riga żgħira tal-plastik).



Mudell tal-Polza tal-Votazzjoni użata fl-Awstrija.

### 7.3 Żieda fl-aċċessibbiltà tal-poloż tal-votazzjoni

Fl-Awstrija, fid-Danimarka<sup>(80)</sup>, fl-Ungerija, fil-Lussemburgu<sup>(81)</sup>, fil-Ġermanja, fis-Slovenja, fl-Irlanda, fil-Portugall u fi Spanja, il-postijiet tal-votazzjoni jridu jiġu pprovduti b'mudelli speċjali għal poloż ibbażati fuq il-karta, inkluż bil-Braille. Fin-Netherlands u f'Malta, dawn il-mudelli huma akkumpanjati wkoll minn appoġġ awdjo jew minn materjal ta' spjegazzjoni fuq karta, bħal fil-Portugall u fi Spanja, li jispjega kif jintuża l-istensil, kif hija strutturata l-polza tal-votazzjoni, liema kandidati u partiti jkunu ħierġa għall-elezzjoni u liema toqba fl-istensil għandha tintuża għal kull kandidat.

Fl-Irlanda, l-użu tal-mudell bil-Braille huwa appoġġat minn linja tat-telefown li l-votanti jistgħu jċemplu biex jismgħu kif inhi mqasma l-polza tal-votazzjoni u l-ordni tal-kandidati. Fl-Awstrija, wara bidliet leġiżlattivi reċenti, il-polza tal-votazzjoni tjebet billi żdiedet parti li tinħass differenti fuq naħa waħda għal persuni b'vista batuta u l-pajjiż qed jippjana wkoll li jdaħħal mudell tal-karta tal-vot. Iċ-Ċekja tipprovdri kodiċijiet QR

<sup>80</sup> Fir-referenda biss, fejn tista' tivvota biss "Iva" jew "Le".

<sup>81</sup> B'kollaborazzjoni mas-Centre pour le développement des compétences relatives à la vue (CDV), il-gvern se jipprovdri lill-votanti b'diżabilità viżwali b'mudell ta' votazzjoni bil-mess fil-jum tal-votazzjoni. Dan il-mudell ta' votazzjoni bil-mess se jkun disponibbli f'kull post tal-votazzjoni u jista' jiġi ordnat ukoll mill-votant direttament mis-CDV biex ikun disponibbli għall-votant meta jkunu għażlu li jivvotaw bil-posta.

fuq l-istruzzjonijiet tal-votazzjoni mehmuzà mal-poloż li jintbagħtu bil-posta, bil-kodiċijiet QR li jwasslu għal vidjo bil-lingwa tas-sinjali. Għodod ta' assistenza, bħal lentijiet għall-qari li jkabbru, huma disponibbli għall-votanti b'diżabilità f'diversi Stati Membri, bħall-Belġju u n-Netherlands.

Fid-Danimarka, il-votanti li jeħtieġu assistenza biex jittgħu l-vot tagħhom waħedhom jistgħu jużaw għajnuniet tekniċi bħal pinna sewda aktar ħoxna li tgħin lill-votant jara fejn għandu jimmarka l-polza tal-votazzjoni, lenti li tkabbar biex tkabbar il-polza tal-votazzjoni u tagħmilha aktar faċli li tinqara, u lampa LED għal dawl aħjar, li hija ta' għajnuna għal kwalunkwe persuna b'vista mnaqqsa. Il-votant jista' jikkontrolla l-luminożità, il-kulur u l-output tad-dawl tal-lampa. Dawn l-għodod huma kkomplementati minn CCTV (televiżjoni b'ċirkwit magħluq), li huwa tip speċjali ta' lenti li tkabbar, li jkabbar il-polza tal-votazzjoni fuq skrin u fejn il-votant jista' jaġġusta t-tkabbir u l-kuntrast. Barra minn hekk, irid ikun hemm mejda aġġustabbli, li tippermetti lill-votanti f'siġġu tar-roti jimlew il-polza tal-votazzjoni.



Folders tal-polza tal-votazzjoni użati fil-Litwanja.

Il-Litwanja tagħmel disponibbli folders tal-poloż immarkati bil-Braille, li fihom il-votanti jistgħu jquegħdu l-poloż standard ibbażati fuq il-karta. F'Malta, kull post tal-votazzjoni huwa mġammar b'apparat awdjo li jaqra l-kontenut tal-polza. Fin-Netherlands, iċ-ċittadini li jivvotaw minn barra jużaw polza tal-votazzjoni mnaqqsa. Huma jistgħu jagħżlu jekk iridux jirċievu l-polza tal-votazzjoni bil-posta jew bil-posta elettronika. Jintbagħat dokument mal-partijiet u mal-kandidati flimkien mal-polza tal-votazzjoni. Listi ta' kandidati b'format kbir jiġu ppubblikati fil-postijiet tal-votazzjoni kollha.

Fin-Netherlands, il-votanti b'diżabilità konjittiva jistgħu jirċievu (barra mill-kabina tal-vot) spjegazzjoni ta' kif taħdem il-polza tal-votazzjoni. Hawnha muniċipalitajiet u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ fil-votazzjoni qabel l-elezzjonijiet. Barra minn hekk, il-votanti b'diżabilità konjittiva jistgħu jaraw spjegazzjonijiet fuq sit web.<sup>(82)</sup>

Fin-Netherlands, qed titfassal polza tal-votazzjoni ġdida. Din il-polza tal-votazzjoni se tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. It-tipa hija akbar u aktar faċli biex tinqara. Qed jiġu miżjuda logos ta' partiti politiċi, biex il-partiti jsiru aktar viżibbli u aktar faċli li jinstabu. Għall-polza tal-votazzjoni l-ġdida, qed jiġi żviluppat ukoll mudell

---

<sup>82</sup> [Kif taħdem il-votazzjoni?](#)



universali għall-persuni b'vista batuta. L-għan huwa li l-muniċipalit jkollha mill-anqas mudell wieħed, appoġġat b'kaxxa tal-ħoss. Ir-Rumanija qieset ukoll is-simplifikazzjoni tal-poloż ibbażati fuq il-karta billi tnaqqashom għal folja ta' karta waħda, li tista' ttejjeb l-aċċessibbilt ġenerali, inkluż għall-votanti b'vista batuta.<sup>(83)</sup>

#### 7.4. Iż-żieda fl-aċċessibbilt tal-magni tal-votazzjoni

Għall-elezzjonijiet lokali fl-2018 u għall-elezzjonijiet federali fl-2019, il-Belġju żviluppa proġett pilota biex jikkomplementa l-kompjuters tal-votazzjoni elettronika b'modulu awdjo biex jippermetti lill-persuni b'vista batuta jivvotaw b'mod indipendenti. Dan il-proġett pilota ġie żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet u ma' assoċjazzjonijiet tad-diżabilit li jirrappreżentaw lill-persuni b'vista batuta. Għal raġunijiet loġistiċi, dan il-proġett ma setax jiġi varat fuq skala kbira.

Fil-Bulgarija, il-magni tal-votazzjoni saru obbligatorji fil-postijiet tal-votazzjoni fil-pajjiż u barra mill-pajjiż fejn hemm mill-anqas 300 votant. L-interfaċċa tikkonsisti minn skrin tal-kuntatt. Wara li votant jitfa' l-vot, l-apparat jiprintja biċċa karta bħala prova biex jiġi vverifikat il-votant. Dan jippermetti wkoll li jsir għadd ta' voti manwali f'każ li jintilfu voti maħżuna elettronikament. Il-kodiċi tal-elezzjoni Bulgara jirrikjedi li l-magni tal-votazzjoni jkunu ddisinjati, implimentati u miżmuma b'mod li jiżgura, fost l-oħrajn, aċċess faċli u li jinftiehem għall-mekkaniżmi u l-metodi tal-votazzjoni bil-magna, inkluż aċċess issimplifikat għall-votanti b'vista batuta jew indebolimenti motorji.

Mid-dħul fis-seħħ tal-Att emendatorju ZVDZ-C fl-20 ta' Mejju 2017, il-magni tal-votazzjoni għall-votanti b'diżabilit ma għadhomx jintużaw fl-elezzjonijiet u fir-referenda fis-Slovenja.<sup>(84)</sup> Il-leġiżlazzjoni ġiet emendata biex tiżgura li l-postijiet tal-votazzjoni kollha jkunu aċċessibbli bis-sħiħ għall-persuni b'diżabilit. Barra minn hekk, il-leġiżlatura segwiet eżempji minn pajjiżi oħrajn<sup>(85)</sup> u ppermettiet lill-persuni b'diżabilit li jivvotaw bil-posta flimkien mal-votazzjoni fil-postijiet tal-votazzjoni.

#### 7.5. Metodi ta' votazzjoni komplementari

Diversi Stati Membri jippermettu lill-votanti li ma jkunux jistgħu jmorru f'post tal-votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni biex jivvotaw minn qabel, jew mid-dar tagħhom, minn sptar (bħal fid-Danimarka, f'Malta u fil-Portugall) jew minn post tal-votazzjoni miftuħ qabel il-jum tal-elezzjoni (bħal fl-Awstrija, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Finlandja, fil-Latvja, fil-Litwanja, f'Malta, fil-Portugall, fis-Slovenja u fl-Iżvezja).

Il-persuni b'diżabilit għandhom l-għażla li jivvotaw f'post tal-votazzjoni aċċessibbli f'diversi Stati Membri, bħall-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Ungerija,

---

<sup>83</sup> [Comparative study regarding methods, procedures and technical instruments used by other states to ensure the accessibility of electoral processes for individuals with disabilities](#), imfassal mill-Awtorit Elettorali Permanenti.

<sup>84</sup> Il-leġiżlatura qieset il-firxa tal-użu tal-magni tal-votazzjoni f'kull elezzjoni, il-kost għall-baġit tal-użu ta' magni tal-votazzjoni, u r-regolamenti fi Stati Membri oħrajn tal-UE.

<sup>85</sup> Votazzjoni bil-posta kif preskritta mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka.

I-Irlanda, I-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, u r-Rumanija<sup>(86)</sup>. Fin-Netherlands, il-votanti ma humiex assenjati għal post tal-votazzjoni. Bil-permess tal-vot tagħhom, huma jistgħu jivvotaw fi kwalunkwe post tal-votazzjoni fil-muniċipalità tagħhom. Postijiet speċjali tal-votazzjoni huma organizzati fi sptarijiet u/jew istituzzjonijiet tal-kura oħrajn fl-Istati Membri, bħall-Kroazja, l-Estonja, l-Irlanda, Malta, u n-Netherlands.

Il-votazzjoni barra mill-post tal-votazzjoni, li hija votazzjoni minn barra l-post tal-votazzjoni, jew fis-sular t'isfel jew mid-daħla għall-post tal-votazzjoni, hija disponibbli f'xi Stati Membri (bħall-Kroazja, id-Danimarka, iċ-Ċekja, is-Slovenja u l-Iżvezja).

Il-votazzjoni mobbli, li tfisser li l-kaxxi tal-vot jiddaħħlu fil-post tal-votant (id-dar, l-isptar jew kwalunkwe post ieħor) minn uffiċjal tal-amministrazzjoni responsabbli mill-organizzazzjoni tal-elezzjoni, hija metodu użat f'diversi Stati Membri (bħall-Awstrija, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Iżvezja). Xi Stati Membri, inklużi l-Finlandja, il-Lussemburgu<sup>(87)</sup>, l-Italja (xi muniċipalitajiet), il-Portugall u l-Polonja, saħansitra jipprovdu lill-votanti, inklużi persuni b'diżabilità, bi trasport bla ħlas lejn il-postijiet tal-votazzjoni taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Il-Belġju jipprovdi wkoll appoġġ għat-trasport lejn postijiet tal-votazzjoni.

Il-persuni b'diżabilità jistgħu jirċievu assistenza matul il-proċess tal-votazzjoni f'kull Stat Membru. Hemm xi differenzi f'min jista' jgħin lill-votant u l-kundizzjonijiet li jrid jissodisfa l-votant. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bħall-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Ungerija, Spanja, is-Slovenja u l-Iżvezja, il-votanti b'diżabilità jistgħu jiġu megħjuna minn kwalunkwe persuna li jafdaw, mingħajr restrizzjonijiet.

Il-votazzjoni bil-posta, jew fil-pajjiż jew minn barra l-pajjiż, hija disponibbli f'20 Stat Membru. Il-prattiki tal-votazzjoni bil-posta fil-pajjiż ivarjaw fl-UE kollha. Xi Stati Membri biss, bħall-Ġermanja u Spanja jippermettu lill-votanti kollha jivvotaw bil-posta. Fi Stati Membri, bħall-Awstrija, l-Irlanda, il-Litwanja, in-Netherlands u s-Slovenja dan il-metodu huwa limitat għal gruppi speċifiċi, bħall-votanti b'diżabilità jew votanti barra mill-pajjiż.

Il-votazzjoni online hija disponibbli fl-Estonja, fejn il-votanti jistgħu jagħżlu jekk jmorrux f'post tal-votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni jew jekk jittgħux il-vot tagħhom fuq sit web matul il-perjodu tal-elezzjoni. L-Att dwar l-Elezzjonijiet Estonjan jirrikjedi li l-applikazzjoni għall-votazzjoni trid tipprovdi appoġġ lil persuni b'vista batuta. Dan ir-rekwiżit huwa ssodisfat fil-prattika billi dan il-grupp ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu li jivvota mingħajr assistenza.

---

<sup>86</sup> Elezzjonijiet presidenzjali.

<sup>87</sup> L-utenti tas-servizz speċjali tat-trasport Adatto li jkollhom kard ta' Adatto jistgħu jivvjaġġaw lejn il-post tal-votazzjoni bl-użu tas-servizz Adatto. Il-vjaġġi lejn u mill-post tal-votazzjoni mhux se jitnaqqsu mill-kwota tal-vjaġġi annwali ta' Adatto li minnhom jibbenefikaw. Biex jitolbu servizz bħal dan, l-utenti jistgħu jċemplu lis-servizz mobilitate.lu fuq 2465-2465, jew jagħmlu prenotazzjoni bl-użu tal-applikazzjoni tal-mowbajl adapto.lu billi jagħżlu "Elezzjonijiet/Wahlen".



Fi Franza, il-votazzjoni online tintuża biex jiġu eletti rappreżentanti taċ-ċittadini Franċiżi li jgħixu barra mill-pajjiż matul l-elezzjonijiet leġiżlattivi u l-elezzjonijiet konsulari. Biex jivvotaw online, il-votanti Franċiżi jeħtiġilhom ikunu residenti uffiċjalment barra mill-pajjiż u rreġistrati f'lista elettorali konsulari. Dawn jeħtiġilhom ikunu wkoll fuq il-lista b'indirizz tal-posta elettronika validu u b'numru tat-telefown biex jirċievu l-isem tal-utent tagħhom (permezz ta' posta elettronika) u l-password tagħhom (permezz ta' SMS). Ma hija meħtieġa l-ebda formalità oħra.<sup>(88)</sup> Għall-elezzjonijiet presidenzjali tal-2022, il-votanti Franċiżi barra mill-pajjiż setgħu jivvotaw online għal 5 ijiem konsekuttivi. Is-sit web tal-Ministeru tal-Ewropa u tal-Affarijiet Barranin ippubblika serje ta' mistoqsijiet u tweġibiet speċifikament relatati mal-votazzjoni online.

FI-2023, il-Ġermanja użat votazzjoni online għall-elezzjonijiet tal-politika soċjali tagħha, vot biex tagħżel il-kunsill li jissorvelja l-fondi nazzjonali tal-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-pensjoni. Madwar 22,3 miljun kellhom l-għażla li jivvotaw jew online jew b'poloz postali tradizzjonali fuq perjodu ta' votazzjoni ta' 51 jum.<sup>(89)</sup>

Il-votazzjoni bi prokura tintuża fil-Belġju, fi Franza, fin-Netherlands u fil-Polonja. Fil-Belġju u fil-Polonja, il-votazzjoni bi prokura hija disponibbli għall-votanti li ma jkunux jistgħu jmorru f'post tal-votazzjoni minħabba ċertu mard jew dgħufija, saħħa batuta jew età avvanzata, li tista' tinkludi persuni b'diżabilità. Il-votanti kollha jistgħu jivvotaw bi prokura fi Franza u fin-Netherlands. Il-votanti Żvediżi jistgħu jivvotaw permezz ta' kurrier, fejn persuna oħra tittrasporta l-vot imħejji mill-votant lejn il-post tal-votazzjoni.

## 7.6. L-aċċess għas-soluzzjoni tat-tilwim elettorali

Diversi Stati Membri għamlu arranġamenti speċifiċi għall-persuni b'diżabilità biex jaċċessaw is-sistema tal-ġustizzja, bħall-għoti ta' informazzjoni f'formati aċċessibbli, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' formati speċifiċi, inklużi metodi diġitali biex jissottomettu l-ilmenti.<sup>(90)</sup> L-aċċessibbiltà tas-soluzzjoni tat-tilwim elettorali tinvolvi wkoll l-iżgurar li l-mekkaniżmi għas-sottomissjoni tal-ilmenti jkunu aċċessibbli u li l-postijiet għas-seduti jew għar-riżoluzzjonijiet ikunu aċċessibbli wkoll.

Bħala parti mill-istrategġija nazzjonali tagħha dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, ir-Rumanija impenjat ruħha li tippubblika mudelli f'formati aċċessibbli għal talbiet u lmenti relatati mad-drittijiet elettorali. Il-Litwanja implimentat sistema ta' informazzjoni aċċessibbli għall-ġestjoni tat-tilwim elettorali, li tista' tintuża mill-votanti biex jissottomettu l-ilmenti. Fi Spanja, il-votanti jistgħu jissottomettu lmenti rigward postijiet tal-votazzjoni li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà legali. FI-Irlanda, l-uffiċjali tar-ritorn jittrattaw kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-post, u għandhom ir-responsabbiltà li jwettqu avvenimenti elettorali f'kull kostitwenza.

---

<sup>88</sup> [Présentation du vote par internet. Ministère de l'Europe et des Affaires étrangères.](#)

<sup>89</sup> [Online Voting Powers Social Elections in Germany.](#)

<sup>90</sup> [The 2022 EU Justice Scoreboard.](#)

## 7.7. Il-ġbir ta' *data* dwar il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-elezzjonijiet

Huwa importanti li tinġabar statistika dwar il-parteċipazzjoni ta' ċittadini b'diżabilità fl-elezzjonijiet biex jiġi vverifikat kemm jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet elettorali tagħhom. Dan jista' jgħin fl-evalwazzjoni tal-miżuri stabbiliti għall-persuni b'diżabilità u jista' jirriżulta f'soluzzjonijiet aktar effiċjenti. Bl-istess mod, id-*data* diżaggregata dwar id-diżabilità hija utli biex tikkontribwixxi għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-elezzjonijiet, filwaqt li żżid il-firxa u l-effikaċja tagħhom.

Il-proċessi ta' reġistrazzjoni użati fl-elezzjonijiet, inklużi r-reġistrazzjoni tal-votanti, ir-reġistrazzjoni tal-kandidati, l-għoti ta' aċċess għal proċeduri speċjali ta' votazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tal-preżenza tal-votant fil-post tal-votazzjoni jistgħu jipprovdu l-opportunità lill-awtoritajiet biex jiġbru informazzjoni dwar f'liema kostitwenzi jgħixu l-votanti b'diżabilità, kemm-il votant b'diżabilità hemm f'kostitwenzi differenti u x'tip ta' akkomodazzjoni jeħtieġu sabiex jipparteċipaw fuq l-istess livell ma' votanti oħrajn.

Il-ġbir ta' *data* statistika diżaggregata skont it-tip ta' diżabilità jew it-tweġiq ta' s'tħarriġ dwar diversi fatturi relatati ma' persuni b'diżabilità u l-aċċessibbiltà fil-votazzjoni jista' jgħin lill-awtoritajiet tal-elezzjoni jgħassmu r-riżorsi tagħhom b'mod aktar effiċjenti. Il-ġbir flimkien tar-riżorsi u tad-*data* mill-awtoritajiet rilevanti kollha, inkluż billi tiġi kkombinata l-informazzjoni statistika mad-*data* amministrattiva dwar id-diżabilità u l-inklużjoni, jagħti stampa aktar preċiża tal-appoġġ li l-persuni b'diżabilità jeħtieġu biex jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom b'mod effettiv.


Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali jrid isir f'konformità s'hiha mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR). Id-*data* dwar is-saħħa, b'had-*data* personali dwar id-diżabilità tal-persuna, hija kategorija speċjali ta' *data* personali li tgawdi minn protezzjoni speċjali skont dak ir-Regolament.

Pereżempju, ir-Rumanija taggrega d-*data* dwar il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-elezzjonijiet billi tqabbel l-għadd ta' persuni li għandhom ċertifikat tad-diżabilità u l-għadd ta' votanti. Dan huwa bbażat fuq ftehim formalizzat bejn l-Awtorità Elettorali Permanenti u l-Awtorità Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, u jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*.

L-lżvezja tiġbor *data* statistika dwar il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fl-elezzjonijiet (kif muri fl-Illustrazzjoni ta' hawn taħt).

Turnout in the 2018 parliamentary elections to the parliament by type of disability.
Hearing impairment
No hearing impairment
Vision impairment
No vision impairment
Very reduced mobility
Reduced mobility
No reduced mobility
Severe problem of asthma
Mild symptoms of asthma
No problems of asthma
Severe problem of allergy
Mild symptoms of allergy
No problems of allergy
Severe problem of psychological illness
Mild symptoms of psychological illness
No problems of psychological illness
Neuropsychiatric diagnosis
No neuropsychiatric diagnosis
Major problems with dyslexia, dyscalculia
Some problems with dyslexia, dyscalculia
No problems with dyslexia, dyscalculia
Greatly reduced capacity for activity
Some reduced capacity for activity
No reduced capacity for activity
Persons with disabilities
Person without disabilities

Diagram 7.3. Valdeftagande i riksdagsvalet 2018 efter typ av funktionsnedsättning. Procent



Diversi Stati Membri, bħall-Ungerija u Spanja, jiġbru *data* dwar il-votanti li jitolbu aċċess għal arranġamenti speċjali ta' votazzjoni. Mill-2016. Il-Litwanja ilha topera reġistru elettroniku ta' persuni intitolati li jivvotaw id-dar, inklużi l-votanti b'diżabilità u li għandhom aktar minn 70 sena. Fil-Lussemburgu, il-ġbir ta' din id-*data* huwa partikolarment rilevanti peress li l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet hija obligatorja għall-votanti rreġistrati kollha sal-età ta' 75 sena. Il-Lussemburgu jwettaq ukoll stħarriġ biex jiġbor *data* dwar diversi fatturi relatati ma' persuni b'diżabilità u l-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet.

### 7.8. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet

Il-perjodu ta' wara elezzjoni normalment jitqatta' b'ħarsa lejn il-prestazzjoni fit-twertiq ta' elezzjonijiet mingħajr xkiel u kredibbli u fl-evalwazzjoni ta' kif ġew implimentati r-regoli u r-riżorsi użati. Diversi Stati Membri (il-Litwanja, ir-Rumanija u l-Iżvezja) jirrikjedu b'mod partikolari li l-awtoritajiet elettoralji jivvalutaw kif twettaq il-proċess elettoralji. Il-kummissjoni elettoralji l-ġdida tal-Irlanda għandha mandat leġiżlattiv biex twettaq rieżamijiet ta' avvenimenti ta' wara l-elezzjoni. Dawn ir-rieżamijiet se jeżaminaw l-appoġġ tal-uffiċjali tar-ritorn u tal-uffiċjali li jippresjedu (li jissorveljaw il-postijiet tal-votazzjoni f'votazzjoni) fl-iffaċilitar tal-votazzjoni għal votanti għomja, inabilitati u illitterati fil-postijiet tal-votazzjoni. Spanja tħejji kwestjonarji biex tevalwa l-konformità tal-elezzjonijiet mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u mar-rapporti ta' aċċessibbiltà wara kull proċess elettoralji. Hija taħtar manijers tal-aċċessibbiltà għall-

elezzjonijiet f'kull delegazzjoni (19) u subdelegazzjoni (52) governattiva, li huma responsabbli mill-aċċessibbiltà f'kull proċess elettorali, jaġixxu b'ħala interlokutori tal-Ministeru tal-Intern u jwettqu segwitu rapidu tal-inċidenti kollha relatati mal-aċċessibbiltà għall-elezzjonijiet. In-Netherlands iwettqu valutazzjonijiet simili u stħarriġ ta' wara l-elezzjoni. Fin-Netherlands, il-votanti jistgħu jużaw il-hotline "Votazzjoni bla Limitu" (*Meldpunt Onbeperkt Stemmen*) biex jirrapportaw esperjenzi pożittivi jew negattivi u jaġħmlu suġġerimenti biex itejbu l-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet.

Fi Franza, l-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet hija mmonitorjata matul l-elezzjoni u vvalutata wara l-elezzjoni. Il-monitoraġġ matul l-elezzjoni jitwettaq minn korp indipendenti, mill-Kunsill Konsultattiv Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità, u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-valutazzjonijiet tagħhom jiġu ppubblikati online<sup>(91)</sup>. Wara l-elezzjoni, il-ministeru tal-Intern, inkarigat mill-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet, u l-Kumitat nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità jivvalutaw flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partiti politiċi x'ħadem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u x'jista' jitejjeb qabel l-elezzjoni li jmiss.

Il-Kummissjoni toħroġ ukoll rapport wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew, li jkopri l-kwistjonijiet li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità.

## 8. Kunsiderazzjonijiet finali

L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità huma valuri ewlenin tal-UE u jikkostitwixxu drittijiet fundamentali pprovdu ti skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. F'Marzu 2021, biex trawwem Unjoni ta' ugwaljanza, il-Kummissjoni ppreżentat Strateġija ambizzjuża ġdida għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità għall-2021-2030. L-Istrateġija għandha l-għan li ttejjeb il-ħajja tal-persuni b'diżabilità, inkluż li tiżgura li dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-elezzjonijiet fuq bażi ugwali b'ħal ħaddieħor.

Filwaqt li l-Istati Membri dejjem irrikonoxxew u indirizzaw aktar l-importanza li jiġi żgurati aċċess ugwali għall-elezzjonijiet għaċ-ċittadini b'diżabilità, l-UE adottat ukoll diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni u standards ta' aċċessibbiltà li jistgħu jkunu utli b'ħala referenzi meta jiġu inkorporati karatteristiċi ta' aċċessibbiltà f'diversi stadji tal-proċessi elettorali.

Din il-gwida ta' prattiki elettorali tajbin tfejjet biex tappoġġa l-iskambji tal-Istati Membri ta' prattiki tajbin u ta' għarfien espert u b'mod aktar ġenerali biex tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li ċ-ċittadini b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom b'mod effettiv.

Il-miżuri ewlenin meħuda mill-Istati Membri jinkludu<sup>(92)</sup>:

---

<sup>91</sup> [Observatoire de l'accessibilité des campagnes électorales et des scrutins de 2022](#).

<sup>92</sup> Li l-biċċa l-kbira tal-miżuri jkunu ta' benefiċċju għall-aċċess għall-elezzjonijiet tal-gruppi kollha, inklużi persuni akbar fl-età.

- Metodi għal votazzjoni bikrija u proċeduri alternattivi ta' votazzjoni, inklużi votazzjoni bil-quddiem personalment, votazzjoni bil-posta, votazzjoni online, votazzjoni mobbli, votazzjoni barra mill-post tal-votazzjoni, il-bdil jew l-għażla ta' postijiet ta' votazzjoni, il-votazzjoni assistita minn persuna magħżula liberament mill-votant;
- Li jsiru arranġamenti speċifiċi ta' votazzjoni biex jiżguraw li persuni li jgħixu f'istituzzjonijiet ta' kura residenzjali jew fit-tul, sptarijiet jew persuni li ma jistgħux jitolqu minn djarhom ma jtilfux id-dritt tagħhom li jivvotaw, b'enfasi partikolari fuq istituzzjonijiet residenzjali magħluqa;
- Li ssir disponibbli firxa wiesgħa ta' għodod ta' assistenza bħall-Braille, il-kodiċijiet QR, it-tipa kbira, l-awdjo u l-gwidi li jinqraw faċilment, l-envelops bil-Braille, l-istensils li jinħassu, il-lentijiet li jkabbru, id-dawl addizzjonali, l-għodod tal-kitba u t-timbri;
- Standards għall-għoti ta' appoġġ mill-bniedem, permezz tat-telefown jew tal-interpretazzjoni tas-sinjali, u l-forniment ta' trasport aċċessibbli għall-post tal-votazzjoni;
- Proċeduri ssimplifikati biex tintalab akkomodazzjoni.

Jista' jingħata aktar appoġġ għal prattiki li jiffokaw fuq l-iżguraw li l-persuni b'diżabilità jkollhom indipendenza u segretezza meta jivvotaw, pereżempju billi jużaw mudell bil-Braille li jista' jittqiegħed fuq il-polza tal-votazzjoni biex jifgħu l-vot. Dan jista' jikkomplementa l-prattiki li jippermettu lill-votanti jiġu megħjuna minn persuni oħrajn biex jifgħu l-vot tagħhom.

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jikkunsidraw ukoll li jqisu aktar il-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini li jgħixu b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali li jistgħu jaffettwaw l-esperjenza tagħhom tal-votazzjoni inklużi d-depressjoni u l-ansjetà, kemm jekk fit-tul kif ukoll jekk temporanji<sup>(93)</sup>.

L-aċċessibilità tmur lil hinn minn miżuri prattiċi. Din tinkludi l-ambjent soċjali fejn il-persuni jinvolvu ruħhom fil-proċess elettorali. Hija meħtieġa aktar riċerka dwar dan il-fenomeno. Jistgħu jittqiesu wkoll aktar miżuri ta' ħidma u ta' politika dwar kif il-persunal tal-post tal-votazzjoni jista' jappoġġa liċ-ċittadini b'diżabilità (lil hinn milli jgħinjom meta jintalab), u kif jista' joħloq ambjent inklużiv. Eżempji jinkludu gwida lingwistika (kif enfasizzat fil-gwida ta' Franza għall-media) għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini b'diżabilità bħala votanti jew kandidati, azzjonijiet biex jinħoloq ambjent soċjali biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni politika, speċjalment għall-kandidati politiċi<sup>(94)</sup>, u l-ħolqien ta' networks, skemi ta' mentoraġġ u mezzi li jinformaw liċ-ċittadini b'diżabilità b'dawn l-opportunitajiet u jappoġġaw il-parteċipazzjoni elettorali tagħhom.

Lingwaġġ ċar u materjali ta' komunikazzjoni aċċessibbli huma importanti wkoll biex jiġu miġġielda l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, billi l-persuni b'diżabilità jistgħu jkunu partikolarment f'riskju. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal bidliet fil-

<sup>93</sup> Ara pereżempju l-Att dwar ir-Riforma Elettorali reċenti tal-Irlanda (2022).

<sup>94</sup> Ara l-proposta tar-Rumanija għal emendi leġiżlattivi biex jingħata appoġġ finanzjarju.

proċeduri tal-votazzjoni, bħaż-żieda fl-użu tal-voti bil-posta jew tal-għażliet tal-votazzjoni mill-bogħod, li setgħu wasslu għall-iżvilupp ta' prattiki li jappoġġaw l-aċċessibbiltà elettoralali għall-persuni b'diżabilità.

Jistgħu jiġu żviluppati aktar il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u azzjonijiet oħrajn ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet elettoralali tal-persuni b'diżabilità sabiex jappoġġaw is-sensibilizzazzjoni ġenerali qalb l-uffiċjali elettoralali, l-osservaturi elettoralali, il-partiti politiċi u l-pubbliku b'mod ġenerali. Hemm livell ta' għarfien fid-dokumenti uffiċjali, peress li diversi eżempji juru gwida dwar l-użu ta' lingwa u kategoriji speċifiċi, inkluża gwida għall-organizzaturi tal-elezzjonijiet, li tidher preferibbli. Dan jinkludi l-għoti ta' informazzjoni dwar liema tipi ta' diżabilità jaqgħu taħt il-kategorija "ċittadini b'diżabilità" u l-iżvilupp ta' din l-informazzjoni f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità (kif isir fil-Belġju, fil-Finlandja u fil-Latvja).

Korsijiet ta' taħriġ effettivi jkopru aspetti bħall-għoti ta' farsa ġenerali lejn id-drittijiet elettoralali tal-persuni b'diżabilità, il-prattiki u l-postijiet tal-votazzjoni aċċessibbli, l-akkomodazzjonijiet raġonevoli disponibbli għall-persuni b'diżabilità, kif jiġu appoġġati l-votanti b'diżabilità u l-pjanijiet ta' kontinġenza jekk jinqalgħu kwistjonijiet. Barra minn hekk, it-taħriġ jista' jinkludi dijanjożi, ittestjar u ċertifikazzjoni ta' awtovalutazzjoni, biex jiġu identifikati punti mhux viżibbli jew nuqqas ta' fehim tal-informazzjoni. Eżempju tajjeb ta' dan ġej mid-Danimarka, fejn l-uffiċjali elettoralali (u oħrajn) jagħmlu kwizz biex jivverifikaw l-għarfien tagħhom dwar l-informazzjoni.

Kull meta jkun possibbli, il-miżuri li qed jiġu implimentati jistgħu jiżguraw li ċ-ċittadini li jgħixu b'diżabilità jkollhom esperjenza elettoralali li tkun komparabbli kemm jista' jkun ma' dik ta' ċittadini oħrajn. Dan jista' jmur lil hinn mis-sempliċi possibbiltà ta' aċċess f'xi forma. Eżempji jinkludu li jkun hemm reġistru elettoralali awtomatiku (bħal fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri) sabiex "l-inklużjoni" fil-votazzjoni ma tkunx meħtieġa jew proċeduri ta' reġistrazzjoni ssimplifikati, bħal fl-Irlanda; l-għoti ta' aktar miżuri ta' aċċessibbiltà fil-postijiet tal-votazzjoni aktar milli forom alternattivi ta' votazzjoni (bħall-votazzjoni bil-posta) li ma jagħtux sens ta' parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika bl-istess mod. Dan jista' jinkludi wkoll il-ħolqien mill-ġdid ta' atmosfera ta' post tal-votazzjoni f'kuntatti oħrajn, bħal li jippermetti li ċ-ċittadini b'diżabilità li jgħixu f'kura assistita biex jivvotaw f'jum stabbilit fl-ambjent tagħhom stess (pereżempju l-"postijiet tal-votazzjoni magħluqa" fil-Polonja).

Is-settijiet ta' *data* kurrenti ma jkopru speċifikament il-kwistjonijiet li ċ-ċittadini b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw meta jeżerċitaw id-drittijiet elettoralali tagħhom. Il-ġbir ta' aktar informazzjoni statistika dwar iċ-ċittadini b'diżabilità (bħal fl-Iżvezja u fir-Rumanija) jagħti lill-awtoritajiet fehim aħjar ta' kif l-esperjenzi elettoralali jistgħu jvarjaw abbażi ta' forom ta' diżabilità u kif din l-informazzjoni tista' tintuża biex jiġu mfassla b'mod konġunt proġetti ta' riċerka li jfasslu l-ġbir tad-*data* għalihom. Eżempji tajbin jinkludu l-pilotaġġ ta' għodod/teknoloġiji ta' votazzjoni ġodda li jużaw iċ-ċittadini bi-ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà differenti, biex jiġu esplorati konsegwenzi potenzjali mhux intenzjonati jew ħtiġijiet mhux issodisfati; it-tfassil ta' strumenti kwantitattivi li jippermettu l-aggregazzjoni u l-analiżi tas-sejbiet abbażi ta' tipi differenti ta' diżabilitajiet, bl-użu ta' sejbiet kwalitattivi tar-riċerka li jagħtu għarfien fil-fond dwar l-esperjenza tal-ħajja tal-persuni biex jifhmu aħjar kif jixtiequ jipparteċipaw fil-ħajja

pubblika u politika. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali għal finijiet statistiċi jrid isir f'konformità sħiħa mal-GDPR.

Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini b'diżabilità f'kuntast elettorali b'mod effiċjenti, jistgħu jintużaw miżuri standard biex jiġi vvalutat kemm il-punt sa fejn hemm inugwaljanzi fl-aċċess għall-vot kif ukoll l-effettività ta' kwalunkwe soluzzjoni meħuda biex jitnaqqsu dawk l-inugwaljanzi.

L-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-persuni b'diżabilità jistgħu jiġu kkonsultati meta jkunu qed jitħejjew miżuri mmirati lejn l-appoġġ tal-parteciċipazzjoni fl-elezzjonijiet ta' persuni b'diżabilità.

Ir-rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni, inklużi miżuri li jipromwovu l-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità, se jinħarġu mill-Kummissjoni f'Diċembru 2024.

Aktar diskussjonijiet dwar is-suġġett ta' elezzjonijiet inklużivi għad-diżabilità se jiġu organizzati fil-qafas tan-*Network Ewropew ta' Kooperazzjoni tal-Elezzjonijiet*.

### **Anness 1 - Qafas li jippermetti lill-persuni b'diżabilità jaċċessaw l-elezzjonijiet**

<b>Meta?</b>	<b>Kif?</b>
Qabel l-elezzjonijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>- Jiġu żviluppati pjanijiet ta' azzjoni dwar id-diżabilità, inklużi listi ta' kontroll għal elezzjonijiet aċċessibbli u l-involvement ta' organizzazzjonijiet rappreżentanti ta' persuni b'diżabilità fit-tnejn ta' dawn il-pjanijiet.</li> <li>- Jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għall-informazzjoni elettorali, f'modi u f'formati multipli u aċċessibbli.</li> <li>- Jiġi żgurat li s-siti web tal-awtoritajiet elettorali jkunu aċċessibbli.</li> <li>- Jitwettqu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni, inkluż f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet rappreżentanti ta' persuni b'diżabilità.</li> <li>- Jingħażlu postijiet tal-votazzjoni li huma aċċessibbli, inkluż bl-użu ta' listi ta' kontroll żviluppati flimkien ma' organizzazzjonijiet rappreżentanti ta' persuni b'diżabilità.</li> <li>- Jiġu ddisinnjati poloz tal-votazzjoni li jkunu faċli biex jinqraw u jintużaw għodod ta' assistenza.</li> <li>- Jiġu ddisinnjati postijiet tal-votazzjoni aċċessibbli, li jmorru lil hinn mill-aċċessibbiltà fiżika.</li> <li>- Jiġi żgurat li l-magni tal-votazzjoni jkunu mgħammra b'software li jista' faċilment jinkorpora karatteristiċi ta' aċċessibbiltà.</li> <li>- Jiġu ddisinnjati kabini tal-votazzjoni u kaxxi tal-voti li huma aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' votanti.</li> <li>- Jinxtraw għodod biex tittejjeb l-aċċessibbiltà, bħal lentijiet li jkabbru, lampi, mudelli tal-mess u/jew tal-Braille għal poloz ibbażati fuq il-karta, stikers tattili għall-kaxxi tal-voti, pinen b'qabda kbira, stampar fuq karti stampati kbar, fajls tal-awdjo (jiġifieri</li> </ul>



Meta?	Kif?
	<p>DAISY <sup>(95)</sup>, fajls tal-vidjo bi traskrizzjoni sħiħa, sottotitoli, interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali.</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Jiġu pprovduti metodi ta' votazzjoni komplementari u arranġamenti speċifiċi oħrajn, inklużi l-votazzjoni bil-posta u online, il-votazzjoni bil-quddiem, il-votazzjoni bil-mobile, il-votazzjoni barra mill-post tal-votazzjoni, il-votazzjoni bi prokura u l-opzjoni li jintgħażel post ieħor tal-votazzjoni.</li> <li>- Jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet tad-diżabbiltà fil-manwali għall-uffiċjali elettorali.</li> <li>- Jiġu kkonsultati l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabbiltà meta jitħejjew ir-regoli elettorali u jiġu involuti fl-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' kondotta, inklużi Prattiki inklużivi għall-kompilazzjoni tal-listi tal-kandidati.</li> </ul>
Matul l-elezzjonijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>- Jingħata taħriġ lill-uffiċjali tal-elezzjoni dwar kif għandha tingħata għajjnuna lill-persuni b'diżabbiltà fil-proċess tal-votazzjoni.</li> <li>- Tinħoloq sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet elettorali u awtoritajiet rilevanti oħrajn.</li> <li>- Tinxtered informazzjoni elettorali f'modi u f'formati multipli u aċċessibbli.</li> <li>- Isiru aċċessibbli d-dibattiti u l-avvenimenti elettorali.</li> <li>- Jingħata appoġġ għall-aċċessibbiltà tar-reklamar politiku, inkluż f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-persuni b'diżabbiltà u jingħata taħriġ lill-fornituri tal-media.</li> <li>- Jingħata appoġġ lill-kandidati b'diżabbiltà, inkluż billi jiġu pprovduti interpreti tal-lingwa tas-sinjali, u jsiru dibattiti f'formati aċċessibbli.</li> <li>- Tingħata għajjnuna lill-persuni b'diżabbiltà biex jipparteċipaw bħala uffiċjali tal-elezzjoni, inkluż billi jiġi pprovdut aċċess għall-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali.</li> <li>- Jingħata appoġġ għall-parteeipazzjoni tal-votanti, inkluż billi tiġi pprovduta assistenza għall-votazzjoni minn persuna tal-għażla tagħhom u jiġu implimentati politiki ta' qbiż tal-kju.</li> <li>- Jiġi r-riżultati tal-elezzjoni f'forom aċċessibbli.</li> <li>- Jiġi żgurat li l-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim elettorali jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.</li> <li>- Jingħata appoġġ għall-osservazzjoni tal-elezzjonijiet minn persuni b'diżabbiltà u tiġi osservata l-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet.</li> </ul>
Wara l-elezzjonijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>- Tingħabar <i>data</i> dwar il-parteeipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà fl-elezzjonijiet.</li> <li>- Tiġi evalwata l-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet u l-involoviment ta' organizzazzjonijiet rappreżentanti ta' persuni b'diżabbiltà f'din l-evalwazzjoni.</li> <li>- Jiġu rieżaminati l-ostakli legali, istituzzjonali u amministrattivi.</li> <li>- Tiġi rieżaminata l-aċċessibbiltà tas-siti web elettorali, inkluż f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-persuni b'diżabbiltà.</li> <li>- Jiġu ppubblikati r-riżultati tal-evalwazzjoni f'formati aċċessibbli.</li> </ul>

<sup>95</sup> [European Inclusive Publishing Forum](#).

Meta?	Kif?
	<ul style="list-style-type: none"> <li>- Jiġu ssimplifikati u awtomatizzati d-diversi proċessi ta' qabel ir-reġistrazzjoni, u jingħata aċċess għalihom, inklużi r-reġistrazzjoni tal-votanti, kif tintalab l-akkomodazzjoni, u l-għoti ta' aċċess lill-persuni b'diżabilità għad-dokumenti li jeħtieġu.</li> <li>- Jissafu s-sħubijiet bejn l-awtoritajiet elettorali, l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-persuni b'diżabilità u partijiet ikkonċernati oħrajn, biex jiġu indirizzati l-lakuni identifikati relatati mal-aċċessibilità ġenerali tal-ambjent elettorali.</li> </ul>

## Anness 2 – Eżempji ta' listi ta' kontroll biex tiġi vvalutata l-aċċessibilità tal-postijiet tal-votazzjoni

### a) L-Estonja

Kriterji vvalutati	Iva	Le
It-trasport pubbliku u l-parkeġġ		
Il-binja fejn jinsab il-post tal-votazzjoni tista' tiġi aċċessata mit-trasport pubbliku		
Il-binja għandha spazji ta' parkeġġ għall-vetturi ta' persuni b'diżabilità		
Aċċess mingħajr ostakli miż-żona tal-parkeġġ għad-dħul ewlieni tal-binja		
Ir-rotta ta' aċċess u d-dħul għall-binja		
Ir-rotta lejn il-binja u d-daħla ewlenija huma mmarkati b'sinjali		
Id-dħul għall-binja huwa aċċessibbli minn rampa		
Ir-rampa għandha poġġamani u wiċċ livellat li ma jiżloqx		
Ir-rampa għandha wisa' suffiċjenti (minimu ta' 1,1 m)		
L-utenti tas-siġġu tar-roti jistgħu jaqsmu l-limitu tal-bieb tal-binja b'mod indipendenti		
Il-bieb ta' barra tal-binja jinfetaħ awtomatikament jew jista' jinfetaħ faċilment		
Il-bieb ta' barra jkun miftuħ, jiġifieri l-bieb ma jkunx imsakkar, jew ma jirrikjedix telefown tal-bieb biex jinfetaħ		
Rotta ta' aċċess għall-post tal-votazzjoni fil-binja		
Il-post tal-votazzjoni jkun fuq l-istess sular bħad-daħla ewlenija tal-binja		
Il-post tal-votazzjoni (jekk ma jkunx fuq l-istess sular bħad-daħla ewlenija) ikun aċċessibbli b'lift jew rampa		
Ir-rotta mid-daħla ewlenija għall-post tal-votazzjoni għandha wisa' suffiċjenti (minimu ta' 1,5 m)		
Ir-rotta ta' aċċess għall-post tal-votazzjoni hija ħielsa minn ostakli, inklużi limiti tal-bibien, li jimpedixxu l-aċċess għas-siġġu tar-roti		
Il-bibien ta' ġewwa tal-binja jinfetħu awtomatikament jew jistgħu jinfetħu faċilment		
Ir-rotta lejn il-post tal-votazzjoni hija mmarkata b'sinjali		
Il-binja ta' ġewwa għandha dawl suffiċjenti		
Moviment fil-post tal-votazzjoni		
Hemm biżżejjed spazju biex wieħed iċaqtaq siġġijiet tar-roti u għajnuniet oħrajn għall-mobbiltà fil-post tal-votazzjoni		

Il-post tal-votazzjoni għandu siġġijiet għall-votanti li jkollhom bżonn jistrieħu		
Il-post tal-votazzjoni għandu dawl suffiċjenti		

b) Il-Finlandja<sup>(96)</sup>

<b>Il-wasla fil-post tal-votazzjoni</b>	<b>Iva</b>	<b>Le</b>
Il-post tal-votazzjoni huwa faċilment aċċessibbli u hemm waqfa tat-trasport pubbliku qrib il-post tal-votazzjoni?		
It-traffiku ta' skorta (eżempju taxis għall-persuni b'diżabilità) jistgħu jidħlu qrib l-entrata?		
Hemm spazji tal-parkeġġ aċċessibbli qrib il-post tal-votazzjoni (wisa' ta' 3 600 mm u tul ta' 5 000 mm)?		
Ir-rotta lejn id-dħul fiha sinjali?		
Ir-rotta lejn id-dħul hija faċli biex wieħed jara, lixxa, iebsa u ma tiżloqx?		
Il-gradjenti tal-passaġġ huma ta' anqas minn 5 % (1:20)?		
Dħul		
Hemm sinjali ċari għal rotot aċċessibbli fil-post tal-votazzjoni?		
Hemm rampa b'xaqliba sa 8 % u b'wisa' ta' mill-anqas 900 mm ħdejn it-taraġ tal-entrata?		
It-turġien u r-rampi għandhom poġġamani fuq iż-żewġ naħat?		
Hemm pjattaforma quddiem il-bieb ta' quddiem tal-anqas 1 500 mm x 1 500 mm?		
Hemm mill-anqas 400 mm ta' spazju liberu fuq in-naħa tal-ftuħ tal-bieb ta' quddiem li utent tas-siġġu tar-roti jeħtieġ meta jiftaħ il-bieb?		
Il-wisa' tal-bieb ta' dħul hija mill-anqas 850 mm u l-għoli tal-għatba hija mhux aktar minn 20 mm?		
Il-biex jinfetaħ b'mod awtomatiku jew inkella huwa ħafif (il-forza massima tal-ftuħ 10 N, jiġifieri 1 kg)?		
Hemm spazji ta' mhux aktar minn 10 mm x 30 mm fit-tapit tat-tajn jew fil-gradilja fl-entrata, u d-differenza fil-livell ikkawżata mit-tapit jew mill-gradilja hija ta' mhux aktar minn 20 mm?		
Il-fond u l-wisa' tal-kabinett tar-riħ huma tal-anqas 1 500 mm jekk iż-żewġ bibien jinfetħu 'l bogħod mill-ilqugħ tar-riħ?		
Il-wisa' tal-kabinett tar-riħ hija mill-anqas 1 500 mm u l-fond huwa mill-anqas 2300 mm jekk wieħed mill-bibien jinfetaħ ġewwa l-kabinett?		
Post tal-votazzjoni		
Il-post tal-votazzjoni għandu mill-anqas kabina tal-votazzjoni waħda fejn tista' timla l-polza tal-votazzjoni fuq mejda waqt li tkun bilqiegħda?		
Hemm spazju għall-irkoppa taħt il-mejda tal-kabina tal-votazzjoni (għoli 750-800 mm) b'dimensjonijiet minimi ta' wisa' ta' 800 mm, fond ta' 600 mm u għoli ta' 670 mm?		
Jew hemm imwejjed li jista' jiġi aġġustat l-għoli tagħhom fil-post tal-votazzjoni?		
Il-kabini tal-votazzjoni għandhom dawl mingħajr riflessjonijiet u adegwat (500-750 lux fil-livell tal-kitba)?		

<sup>96</sup> [Invalidiliitto, 'Äänestyspaikkojen esteettömyyden tarkistuslista'](#).

<b>Il-wasla fil-post tal-votazzjoni</b>	<b>Iva</b>	<b>Le</b>
Hemm siġġijiet fil-post tal-votazzjoni fejn il-votanti jistgħu jistrieħu jekk ikollhom bżonn?		
Hemm assistent elettorali kemm fil-post tal-votazzjoni bil-quddiem kif ukoll fil-post tal-votazzjoni attwali?		
Jekk ikun hemm utenti ta' apparat ta' assistenza fost l-uffiċjali elettorali, il-post tal-votazzjoni jrid ikun mgħammar b'toilet aċċessibbli.		

### **Anness 3 – Eżempju ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali għall-uffiċjali tal-postijiet tal-votazzjoni**

Spanja

Bħala membru ta' post tal-votazzjoni, żomm f'moħħok li l-persuni b'diżabilità huma awtonomi u indipendenti u jeħtiġilhom jiġu ttrattati bħala tali.

Aġixxi b'mod naturali u b'rispett. Tassumix li persuna teħtieġ għajnuna sempliċiment minħabba li jkollha diżabilità. Jekk l-ambjent ikun aċċessibbli, il-persuni b'diżabilità normalment jimmaniġġaw mingħajr diffikultà.

Imxi mas-sens komun u mal-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

Staqsij jekk l-għajnuna tiegħek tkunx meħtieġa biss jekk il-votant b'diżabilità jidher li jkollu bżonn. Jekk dik il-persuna taċċettaha, staqsiha speċifikament kif tista' tgħin qabel ma taġixxi.

Fuq talba tal-votanti b'diżabilità, u biss meta jitolbu dan, fl-entrata għall-post tal-votazzjoni, ir-rappreżentant tal-amministrazzjoni jew tal-persunal tas-sigurtà jista' jakkumpanjahom għall-post tal-votazzjoni korrispondenti.


Meta tikkomunika ma' persuni b'insuffiċjenza fis-smiġħ, tkellem dritt 'il quddiem, iċċaqlaqx rasek. Titkellimx minn warajhom, waqt li tkun baxxut 'l isfel jew qed tikteb. Tgħajjatx, tkellem b'mod normali, bir-ritmu normali tal-konverżazzjoni tiegħek, mingħajr ebda oġġett f'ħalqek, u tgħattix wiċċek. Jekk ikun meħtieġ, uża l-kitba, il-ġesti naturali jew iġbed l-attenzjoni billi tmiss b'mod ħafif id-driegħ.

Għall-votanti b'vista batuta, tista' toffri driegħek bħala appoġġ. Jekk dan isir, adatta l-pass tiegħek għal tagħhom u kun konxju mill-ambjent sabiex ikunu jistgħu jimxu b'mod komdu.

Il-klieb ta' gwida u l-klieb ta' assistenza għall-persuni b'diżabilità dejjem jitħallew jidħlu. Jeħtieġ li dawn jibqgħu ma' sidhom u ma jistgħux jiġu ddisturbati jew imfixkla.

Dejjem iċċekkja li l-persuna b'diżabilità tkun fehmet x'qed tipprova tikkomunika.

#### Anness 4 – Eżempju ta' kif għandu jiġi pprovdut aċċess għall-bini tal-postijiet tal-votazzjoni<sup>(97)</sup>






#### Anness 5 – Eżempju ta' kif għandu jiġi ddisinnjat post tal-votazzjoni aċċessibbli<sup>(98)</sup>



<sup>97</sup> [Accessibilité des bureaux de vote.](#)

<sup>98</sup> [Accessibilité des bureaux de vote.](#)

## Anness 6 – Eżempji ta' kabini tal-votazzjoni adattati<sup>(99)</sup>



## Anness 7 – Il-kunċett ta' diżabilità użat mill-Istati Membri fil-kuntest tal-elezzjonijiet

L-Istati Membri jvarjaw fl-approċċ tagħhom għall-kunċett ta' diżabilità fil-kuntest tal-elezzjonijiet. Dan xi drabi huwa marbut ma' kif jiddefinixxu min huwa intitolat li jivvota u joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet, jew kif jiddefinixxu min huwa eliġibbli li juża

<sup>99</sup> [Accessibilite des bureaux de vote.](#)

arranġamenti speċjali ta' votazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jirreferu wkoll għad-diżabilità f'kuntesti oħrajn, bħad-drittijiet soċjali u fundamentali, li jistgħu jkunu rilevanti fil-kuntest tal-elezzjonijiet.

Diversi Stati Membri jużaw definizzjonijiet operazzjonali li jqisu l-kapaċità tal-votanti li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvotaw waħedhom. L-Awstrija tiddefinixxi bħala votanti b'diżabilità dawk il-persuni li jistgħu raġonevolment jeħtieġu assistenza biex jimlew polza tal-votazzjoni uffiċjali, kemm jekk bl-għajnuna ta' persuna oħra kif ukoll ta' ċerti apparati ta' assistenza bħal mudelli. L-Ċekja tirreferi għad-diżabilità bħala wieħed mill-kriterji għall-għoti ta' assistenza jew appoġġ speċifiku ieħor lill-votanti. Id-Danimarka ssemmi lil persuni b'diżabilità fil-kuntest ta' għażliet differenti ta' votazzjoni disponibbli għall-votanti li ma jistgħux jivvotaw fil-post tal-votazzjoni jew fil-post tal-votazzjoni speċifiku li huma assenjati għalih. B'mod simili, l-Estonja tipprovdi għall-votanti li ma jistgħux jesprimu l-għażla tal-vot tagħhom fuq polza tal-votazzjoni jew fil-post tal-votazzjoni minħabba diżabilità fiżika. Spanja tapplika approċċ aktar sfummat, li jipprevedi tipi differenti ta' diżabilitajiet, jew indebolimenti fiżiċi (bħal insuffiċjenza fis-smiġħ u vista batuta) jew diżabilitajiet intellettuali<sup>(100)</sup>.

Għall-Kroazja, hija meħtieġa valutazzjoni tad-diżabilità (diżabilità fiżika bħal nuqqas ta' dawl, vista baxxa, ħsara lill-estrematijiet ta' fuq jew indebolimenti oħrajn li jipprevjenu lill-votant milli jivvota b'mod indipendenti) biss jekk tkun inkwistjoni l-kapaċità ta' persuna li tivvota b'mod indipendenti.

L-Ungerija tiddefinixxi l-votanti b'diżabilità bħala votanti li għandhom ħiliet sensorjali limitati b'mod sinifikanti jew mingħajr ħiliet sensorjali, speċjalment il-vista u s-smiġħ, jew li huma limitati b'mod sinifikanti jew li ma għandhom l-ebda kapaċità lokomotorja jew kapaċità mentali, jew li għandhom kapaċitajiet ta' komunikazzjoni limitati b'mod konsiderevoli, u dan ipoġġihom fi żvantaġġ permanenti f'termini ta' parteċipazzjoni attiva fil-ħajja soċjali.

Il-Latvja ssemmi lill-votanti b'diżabilità fiżika li ma jistgħux jaslu sal-post tal-votazzjoni. In-Netherlands isemmu lill-votanti b'diżabilità fiżika fir-rekwiżit tagħhom li jgħammru l-postijiet tal-votazzjoni b'mod li jippermetti lill-votanti b'diżabilità fiżika biex jifgħu l-vot tagħhom waħedhom kemm jista' jkun jew li jiksbu għajnuna minn membru tal-post tal-votazzjoni.

Fil-Portugall, għall-finijiet tal-obbligu li jiġi pprovdut servizz ta' prijorità lil persuni b'diżabilità, fir-rigward tal-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati kollha li jipprovdu servizz personali lill-pubbliku, persuna b'diżabilità jew b'inkapaċità hija legalment iddefinita bħala xi ħadd li, minħabba telf jew indeboliment konġenitali jew miksub ta' funzjonijiet tal-ġisem, inklużi funzjonijiet psikoloġiċi, għandu diffikultajiet speċifiċi li, flimkien ma' fatturi ambjentali, jillimitaw jew ifixxlu l-attività u l-parteċipazzjoni tiegħu fuq l-istess livell ma' persuni oħrajn u li għandu grad ta' inkapaċità ta' 60 % jew aktar, rikonoxxut f'Ċertifikat b'Diversi Użi<sup>(101)</sup>. Il-Portugall jipprovdi lill-votanti b'diżabilità bi prijorità jew assistenza fil-post tal-votazzjoni. Votant affettwat minn marda evidenti

---

<sup>100</sup> FI-2018, fi Spanja, ġie emendat l-Artikolu 3 tal-Liġi Elettorali.

<sup>101</sup> Id-Digriet Liġi n. 58/2016, tad-29 ta' Awwissu.



jew minn diżabbiltà fiżika, li l-istazzjon tal-votazzjoni jsib li ma jkunx jista' jwettaq il-passi meħtieġa għall-votazzjoni, se jivvota flimkien ma' votant ieħor tal-għażla tiegħu/tagħha, li jggarantixxi li l-vot jikkorrispondi għar-rieda tal-votant u li huwa marbut b'segretezza assoluta. Jekk il-post tal-votazzjoni jqis li l-marda jew id-diżabbiltà fiżika ma jkunux evidenti, ikun meħtieġ ċertifikat li juri l-impossibbiltà tal-votazzjoni u li jrid jiġi ppreżentat fil-ħin tal-votazzjoni, maħruġ mit-tabib li jeżerċita setgħat ta' awtorità tas-saħħa fiż-żona tal-muniċipalità u awtentikat bis-siġill tas-servizz rispettiv. Għal dan il-għan, iċ-ċentri tas-saħħa jridu jibqgħu miftuħa fil-jum tal-elezzjoni matul il-ħin li l-postijiet tal-votazzjoni jkunu qed jaħdmu. Mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet tal-post tal-votazzjoni dwar l-ammissibbiltà tal-vot, kwalunkwe wieħed mill-membri tiegħu jew id-delegati tal-partiti politiċi jew tal-koalizzjonijiet jistgħu jirreġistraw protesta bil-miktub. Il-votanti b'vista batuta jistgħu, jekk ikunu jixtiequ hekk, jitolbu lill-post tal-votazzjoni biex jipprovduhom b'polza tal-votazzjoni bil-Braille li tippermettilhom iwettqu l-proċeduri ta' votazzjoni preskritti legalment waħedhom. Il-leġiżlazzjoni elettorali tikkategorizza biss bħala li ma jistgħux jivvotaw lill-persuni b'diżabbiltajiet psikosoċjali severi li jiddaħħlu f'faċilità psikjatra jew li jkunu ddikjarati bħala tali minn bord mediku. Il-persuni li jippreżentaw b'mod ċar indeboliment mentali serju, anke jekk ma jkunux irreġistrati bħala tali, meta jiddaħħlu f'istituzzjoni psikjatra jew ikunu ddikjarati bħala tali minn bord tat-tobba, u l-persuni li huma m'caħħda mid-drittijiet politiċi tagħhom b'deċiżjoni tal-qorti finali ma jkollhom l-ebda kapaċità elettorali attiva.

Is-Slovenja ssemmi firxa ta' diżabbiltajiet fil-liġijiet elettorali tagħha u tistabbilixxi l-għażliet ta' votazzjoni disponibbli għall-votanti.

Stati Membri oħrajn, għal diversi raġunijiet, ma jikkollegawx it-terminu speċifikament mal-parteċipazzjoni elettorali u jużaw definizzjonijiet ġeneriċi jew definizzjonijiet stabbiliti għal skopijiet legali oħrajn. Għall-Greċja, dan huwa marbut mas-sigurtà soċjali u mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali li jmiss tagħha għall-Persuni b'Diżabbiltà, ir-Reġistru tad-Diżabbiltà u l-Kard tad-Diżabbiltà Diġitali. Franza tuża definizzjoni wiesgħa ta' diżabbiltà, li hija ddefinita bħala kwalunkwe limitazzjoni tal-attività jew restrizzjoni tal-parteċipazzjoni fis-soċjetà esperjenzata fl-ambjent tagħha minn persuna minħabba indeboliment sostanzjali, deġġiemi jew permanenti ta' funzjoni fiżika, sensorjali, mentali, konjittiva jew psikika waħda jew aktar, diżabbiltà multipla jew kundizzjoni tas-saħħa li tnaqqas il-kapaċità. L-Irlanda tuża definizzjoni fil-kuntest tal-elezzjonijiet li hija fil-biċċa l-kbira meħuda mid-definizzjoni tal-UNCRPD, li tindika li d-diżabbiltà tisser restrizzjoni sostanzjali fil-kapaċità tal-persuna li twettaq professjoni, negozju jew okkupazzjoni fl-Istat jew li tipparteċipa fil-ħajja soċjali jew kulturali fl-Istat minħabba indeboliment fiżiku, sensorjali, mentali jew intellettuali persistenti.

Il-Litwanja tiddefinixxi d-diżabbiltà bħala deterjorament fit-tul għas-saħħa, għall-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali u għal tnaqqis fl-attività minħabba t-tfixkil tal-istruttura u tal-funzjonijiet tal-ġisem ta' persuna u l-interazzjoni ta' fatturi ambjentali negattivi. Mill-2024, din id-definizzjoni se tinbidel u d-diżabbiltà se tinftiehem bħala indeboliment funzjonali fit-tul (konġenitali u/jew akkwistat), li, minħabba fatturi ambjentali, jimpedixxi lil persuna milli tipparteċipa bis-sħiħ u b'mod effettiv fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' persuni oħrajn. Il-Lussemburgu juża d-definizzjoni tal-UNCRPD.

Fir-Rumanija, il-kunċett ta' diżabilità ma huwiex inkluż fil-leġiżlazzjoni elettorali bħala tali, iżda f'leġiżlazzjoni speċifika dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Huwa bbażat fuq il-kunċett tal-UNCPRD li jiddefinixxi lill-persuni b'diżabilità bħala persuni li l-ambjent soċjali tagħhom ma huwiex adattat għall-indebolimenti fiżiċi, sensorjali, psikiċi, mentali u/jew assoċjati tagħhom, u jipprevjeni kompletament jew jillimita l-aċċess tagħhom b'opportunitajiet ugwali għall-ħajja tas-soċjetà, li jeħtieġu miżuri protettivi biex jappoġġaw l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tagħhom. Il-liġi dwar l-elezzjonijiet presidenzjali tirreferi wkoll għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa, li tinkludi persuni b'diżabilità fiżika, u bħala kriterju biex ikunu jistgħu jivvotaw fi kwalunkwe post tal-votazzjoni aċċessibbli.

Il-Belġju la jiddefinixxi d-diżabilità u lanqas ma jiddistingwi bejn id-diżabilità mentali jew fiżika. Il-Ġermanja għandha qafas legali li huwa r-referenza għall-politiki kollha dwar id-diżabilità. Fl-Iżvezja, ma hemm l-ebda kriterju speċifiku li jiddefinixxi x'jikkostitwixxi diżabilità, peress li tipi differenti ta' diżabilitajiet jaffettwaw lill-persuni f'sitwazzjonijiet differenti.

## **Anness 8 – Id-dritt tal-UE u l-istandards tal-UE b'rilevanza fil-kuntest tal-aċċessibbiltà tal-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità**

Id-Direttiva (UE) 2019/882<sup>(102)</sup> (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà) dwar ir-**rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u s-servizzi** tippromwovi parteċipazzjoni ugwali sħiħa u effettiva billi ttejjeb l-aċċess għal prodotti u servizzi ġenerali li, bid-disinn jew bl-adattament, jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabilità. L-Anness I ta' din id-Direttiva jstabilixxi r-rekwiżiti speċifiċi ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi. L-Anness II jipprovdi eżempji ta' soluzzjonijiet prattiċi li jgħinu lill-pajjiżi jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà. Dawn is-soluzzjonijiet ikopru l-għoti ta' informazzjoni, l-interfaċċa tal-utent u d-disinn tal-funzjonalità, l-imballaġġ u l-istruzzjonijiet tal-prodotti, il-forniment ta' servizzi u servizzi speċifiċi, li jistgħu jkunu wkoll ta' għajjnuna biex is-soluzzjonijiet tal-votazzjoni elettronika jsiru aċċessibbli.<sup>(103)</sup>

Għall-prodotti u s-servizzi mhux koperti mill-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, li jiġu segwiti wara dawn ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà xorta jgħinu biex tittejjeb l-aċċessibbiltà fl-UE kollha.

**Id-Direttivi 2014/24/UE**<sup>(104)</sup> u **2014/25/UE**<sup>(23, 105)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku, li jiddefinixxu l-proċeduri għall-akkwist ta' kuntratti pubbliċi u l-kompetizzjonijiet ta' disinn għal ċerti provvisti (prodotti), servizzi u xogħlijiet, jistabilixxu li, għall-akkwist kollu mfassal biex jintuża mill-pubbliku, kemm jekk

<sup>102</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi.](#)

<sup>103</sup> L-Anness 2 tad-Direttiva jipprovdi eżempji li jistgħu jkunu rilevanti għall-proċeduri ta' votazzjoni.

<sup>104</sup> [Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE.](#) Test konsolidat.

<sup>105</sup> [Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE.](#) Test konsolidat.

pubbliku ġenerali kif ukoll jekk ikun persunal tal-awtorità jew tal-entità kontraenti, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jridu (ħlief f'każijiet debitament iġġustifikati) isegwu l-kriterji ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità jew id-disinn għall-utenti kollha. Dawn id-Direttivi jirrikjedu wkoll li, fejn ir-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà jiġu adottati minn att leġiżlattiv tal-UE, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jridu jsegu dawn ir-rekwiżiti f'termini tal-għoti ta' aċċess għall-persuni b'diżabilità u d-disinn għall-utenti kollha.

### **Id-Direttiva (UE) 2016/2102<sup>(106)</sup> (id-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web)**

tistabbilixxi l-prinċipji ta' aċċessibbiltà għas-siti web u għall-applikazzjonijiet tal-mowbajl immexxija minn korpi tas-settur pubbliku. Dawn il-prinċipji huma:

- il-komponenti tal-interfaċċa tal-informazzjoni u tal-utent iridu jkunu jistgħu jiġu ppreżentati lill-utenti b'modi li jistgħu jipperċepixxu;
- l-operabbiltà, jiġifieri li l-komponenti tal-interfaċċa tal-utent u n-navigazzjoni jridu jkunu jistgħu jiġihaddmu;
- il-fehim, jiġifieri li l-informazzjoni u t-tħaddim tal-interfaċċa tal-utent iridu jkunu jinftiehem; kif ukoll
- ir-robustezza, jiġifieri li l-kontenut irid ikun robust biżżejjed biex jiġi interpretat b'mod affidabbli minn firxa wiesgħa ta' utenti, inklużi teknoloġiji ta' assistenza.<sup>(107)</sup>

Id-Direttiva tirrikjedi wkoll li kull sit web u applikazzjoni tal-mowbajl tipprovdi dikjarazzjoni ta' aċċessibbiltà ddettaljata, komprensiva u ċara dwar kif is-siti web u l-applikazzjonijiet tal-mowbajl tagħhom jikkonformaw ma' din id-direttiva.<sup>(108)</sup>

Għal ħafna Stati Membri, l-adozzjoni tad-Direttiva kellha l-għan li ddaħħal liġijiet nazzjonali ġodda dwar l-aċċessibbiltà għall-web. Mingħajr id-Direttiva, azzjoni fil-livell nazzjonali biss ma kinitx tilħaq il-livell ta' attività relatata mal-aċċessibbiltà għall-web, inkluż is-sensibilizzazzjoni fis-settur pubbliku, kif muri fir-rapporti ta' monitoraġġ tal-aċċessibbiltà tal-Istati Membri. Ir-rieżami tal-avvanzi teknoloġiċi wriet li l-mezzi awtomatizzati jew effiċjenti u faċli biex jiġu implimentati bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim bil-magni qed jintużaw dejjem aktar f'għodod li jipprovdu aċċess diġitali, li jtejbu l-aċċessibbiltà għal xi tipi ta' kontenut li bħalissa huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

---

<sup>106</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi.](#)

<sup>107</sup> Dawk il-prinċipji ta' aċċessibbiltà huma tradotti fi kriterji ta' suċċess li jistgħu jiġu ttestjati, bħal dawk li jiffurmaw il-bażi tal-Istandard Ewropew EN 301 549 V3.2.1 (2021-03) "Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà xierqa għall-akkwist pubbliku ta' prodotti u servizzi tal-ICT fl-Ewropa". Dan jipprovdi metodoloġija komuni biex tiġi ttestjata l-konformità tal-kontenut fuq siti web u applikazzjonijiet tal-mowbajl ma' dawk il-prinċipji. Dan l-Istandard Ewropew ġie adottat fuq il-bażi tal-mandat M/554 maħruġ mill-Kummissjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej għall-istandardizzazzjoni.

<sup>108</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1523 tal-11 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi mudell tad-dikjarazzjoni tal-aċċessibbiltà b'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 256, 12.10.2018, p. 103-107).

**Id-Direttiva 2010/13/UE**<sup>(109)</sup> tirrikonoxxi li d-dritt tal-persuni b'indeboliment u tal-anzjani li jipparteċipaw u jiġu integrati fil-ħajja soċjali u kulturali tal-Unjoni huwa marbut mal-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva aċċessibbli. Għalhekk, l-Istati Membri, mingħajr dewmien żejjed, jeħtiġilhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom b'mod attiv jagħmlu aċċessibbli kontenut għall-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari persuni b'vista batuta jew insuffiċjenza fis-smiġħ. Il-fornituri tas-servizzi tal-media jeħtiġilhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà permezz ta' proċess progressiv u kontinwu, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet prattiċi u inevitabli li jistgħu jipprevjenu aċċessibbiltà sħiħa, bħal programmi jew avvenimenti mxandra f'ħin reali.

Sabiex jitkejjel il-progress li sar mill-fornituri tas-servizzi tal-media biex jagħmlu s-servizzi tagħhom progressivament aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà viżwali jew tas-smiġħ, l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrikjedu li l-fornituri tas-servizzi tal-media stabbiliti fit-territorju tagħhom jirrapportaw lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fuq bażi regolari. L-Istati Membri jeħtiġilhom iħeġġu wkoll lill-fornituri tas-servizzi tal-media biex jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni għall-aċċessibbiltà biex kontinwament u progressivament irendu s-servizzi tagħhom aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jridu jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet jew lill-korpi regolatorji nazzjonali. Kull Stat Membru jeħtieġlu jaħtar ukoll punt ta' kuntatt online uniku u faċilment aċċessibbli, inkluż minn persuni b'diżabbiltà, u disponibbli għall-pubbliku biex jipprovdi informazzjoni u jirċievi lmenti dwar kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà msemmija hawn fuq.

**L-Istandard Ewropew EN 301 549**<sup>(110)</sup> jispeċifika r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà funzjonali applikabbli għall-prodotti u għas-servizzi tal-ICT, u deskrizzjoni tal-proċeduri tat-test u tal-metodoloġija ta' evalwazzjoni għal kull rekwiżit ta' aċċessibbiltà f'forma li hija xierqa għall-użu fl-akkwist pubbliku fl-Ewropa. Dan id-dokument huwa mfassal biex jintuża ma' teknoloġiji bbażati fuq il-web, ma' teknoloġiji mhux web u ma' ibridi li jużaw it-tnejn. Dan ikopri s-software, il-hardware u s-servizzi. Huwa mfassal għall-użu kemm mill-fornituri kif ukoll mill-akkwirenti, iżda mistenni li jkun ta' użu għal ħafna oħrajn ukoll.

Dan huwa bbażat ħafna fuq il-[Linji Gwida dwar l-Aċċessibbiltà tal-Kontenut tal-Web v2.1](#), ippubblikati mid-W3C u magħrufa bħala WCAG 2.1. Dawn id-WCAG huma rekwiżiti rikonoxxuti internazzjonalment għall-produttjoni tal-kontenut tal-web. Dawn

---

<sup>109</sup> [Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva \(Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva\)](#) (verżjoni kodifikata). Test konsolidat

<sup>110</sup> [Id-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web: Standards u armonizzazzjoni](#). Dan l-istandard bħalissa qed jiġi rivedut, wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-mandat ta' standardizzazzjoni M/587 (ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI tal-14.9.2022 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-prodotti u s-servizzi b'appoġġ għad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ara l-[Pjattaforma eNorm \(europa.eu\)](#)), immirata biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà. L-iskadenza għall-adozzjoni tal-istandards riveduti hija l-15 ta' Settembru 2025.

jitqiesu bħala l-aħjar Prattika u jintużaw ħafna. Madankollu, **kull wieħed minn EN 301 549 v2.1.2 u v3.2.1 jinkludi rekwiżiti li ma humiex parti mid-WCAG 2.1.** L-EN 301 549 jinkludi wkoll rekwiżiti li ma humiex rilevanti għad-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web, pereżempju r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tas-sistemi tal-hardware tal-kompjuter.<sup>(111)</sup>

**L-Istandard Ewropew EN 17210<sup>(112)</sup>** dwar l-aċċessibbiltà u l-użu tal-ambjent mibni jiddeskrivi r-rekwiżiti funzjonali bażiċi u minimi u r-rakkomandazzjonijiet għal ambjent mibni aċċessibbli u li jista' jintuża. Dan isegwi l-prinċipji tad-“Disinn għal Kulħadd”/“Disinn Universali”, li jiffaċilitaw l-użu ekwu u sikur għal firxa wiesgħa ta' utenti, inklużi l-persuni b'diżabilità. Dawn ir-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà funzjonali u l-użu huma rilevanti għad-disinn, għall-kostruzzjoni, għar-rinnovazzjoni jew għall-adattament, u għall-manutenzjoni ta' ambjenti mibnija, inklużi dawk fuq barra u żoni urbani.

Dokumenti ta' referenza addizzjonali jinkludu:

- [Commission staff working document evaluation](#), review of the application of Directive (EU) 2016/2102 of the European Parliament and of the Council of 26 October 2016 on the accessibility of the websites and mobile applications of public sector bodies (Web Accessibility Directive);
- [Study underpinning the review of the application of the Web Accessibility Directive](#);
- [Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew](#), *Id-dritt reali tal-persuni b'diżabilità li jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew*;
- [European Disability Forum Human Rights report on political participation of persons with disabilities](#);
- [AVA – Accessible Voting Awareness-Raising report](#) on the Accessibility of Elections for Blind and Partially Sighted Voters in Europe produced by the European Blind Union.

**Anness 9 - L-eżiti ta' grupp ta' fokus dwar l-aċċessibbiltà għall-elezzjonijiet għall-persuni b'diżabilità organizzat mill-Kummissjoni fis-7 ta' Settembru 2023**  
Fis-7 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni organizzat grupp fokali mal-partijiet ikkonċernati li jaħdmu fuq id-drittijiet għall-persuni b'diżabilità.

---

<sup>111</sup> [Id-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web: Standards u armonizzazzjoni](#). Dan l-istandard bħalissa qed jiġi rivedut, wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-mandat ta' standardizzazzjoni M/587 (ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI tal-14.9.2022 dwar [talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-prodotti u s-servizzi b'appoġġ għad-Direttiva \(UE\) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill](#), immirata biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà. L-iskadenza għall-adozzjoni tal-istandards riveduti hija l-15 ta' Settembru 2025.

<sup>112</sup> [EN 17210:2021 jikkontribwixxi għal ambjent mibni aċċessibbli u li jista' jintuża](#).

Tqajjem tħassib dwar l-aċċess għall-proċess elettoralu minn persuni b'diżabilitajiet intellettuali u dwar it-testijiet li qed jitwettqu f'dan il-kuntest. Ostakli oħrajn għall-aċċessibbiltà msemmija kienu jinkludu n-nuqqas ta' informazzjoni faċli biex tinqara, in-nuqqas ta' appoġġ jew appoġġ insuffiċjenti għall-kandidati b'diżabilità u għall-uffiċjali eletti, inkluż f'termini ta' interpretazzjoni tal-lingwa bis-sinjali, taħriġ insuffiċjenti għall-uffiċjali tal-elezzjoni dwar kif jgħinu lill-persuni b'diżabilità biex jivvotaw, postijiet tal-votazzjoni inaċċessibbli, nuqqas ta' trasport lejn postijiet tal-votazzjoni u għażliet alternattivi insuffiċjenti għall-votazzjoni fil-post tal-votazzjoni.

Xi parteċipanti enfasizzaw li n-nuqqas ta' għarfien dwar id-drittijiet tad-diżabilità u l-aċċessibbiltà fil-proċessi elettoralu jista' jirriżulta kemm f'ostakli fl-attitudni kif ukoll ostakli ambjentali, li jista' jkollhom impatt fuq il-bidliet fil-politika jew fuq inizjattivi biex tittejjeb ir-rata ta' parteċipazzjoni. Issemma li l-għarfien baxx jirriżulta minn diversi kwistjonijiet, inkluż nuqqas ta' *data* dwar il-votazzjoni b'dettall dwar id-diżabilità, nuqqas ta' taħriġ għall-uffiċjali elettoralu u livelli baxxi ta' involviment tal-organizzazzjonijiet tad-diżabilità fir-riforma tal-prattiki elettoralu.

Saret referenza għall-ostakli ambjentali, li jinkludu n-nuqqas ta' aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni dwar l-elezzjonijiet u l-partiti politiċi, il-postijiet tal-votazzjoni inaċċessibbli (kemm fiżiċi kif ukoll b'mod ieħor) u l-materjali tal-votazzjoni, metodi ta' votazzjoni alternattivi u avvanzati insuffiċjenti, disponibbiltà limitata ta' teknoloġiji ta' assistenza u nuqqas ta' appoġġ prattiku u finanzjarju għall-persuni b'diżabilità, kemm bħala votanti kif ukoll bħala kandidati. L-ebda Stat Membru ma jipprova appoġġ speċifiku lill-kandidati b'diżabilità jew fondi pubbliċi biex ikopru l-kostijiet tagħhom tal-kampanji. Dan ipoġġi l-piż finanzjarju u loġistiku tal-aċċessibbiltà unikament fuq il-kandidati prospettivi.

Il-partijiet ikkonċernati semmew ukoll sfidi relatati mal-ħtiġijiet lingwistiċi li jiffaċċjaw il-persuni b'insuffiċjenza fis-smiġħ fit-tweqqi ta' mandat elett. Akkomodazzjoni raġonevoli, inklużi servizzi ta' interpretazzjoni tal-lingwa bis-sinjali, tista' tiġi pprovduta minn partiti politiċi, mill-parlamenti nazzjonali u mill-Parlament Ewropew.

**Anness 10 – Disponibbiltà ta' għodod ta' assistenza, kabini tal-votazzjoni u kaxxi tal-voti aċċessibbli<sup>(113)</sup>**

Stat Membru	Mudelli <sup>(114)</sup>	Lentijiet li jkabbru <sup>(115)</sup>	Dawl adegwat <sup>(116)</sup>	Deskrizzjoni awdjo <sup>(117)</sup>	Lingwa tas-sinjali disponibbli fil-post tal-votazzjoni	Karti stampati kbar <sup>(118)</sup>	Poloz bil-Braille <sup>(119)</sup>	Kabini tal-votazzjoni	Kaxxi tal-voti aċċessibbli <sup>(121)</sup>
L-Awstrija	Iva	Le	Iva	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
Il-Belġju	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Iva
Il-Bulgarija	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
Ċipru	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Le	Iva	Iva
Iċ-Ċekja	Le	Le	Le	Iva	Le	Le	Le	Iva	Iva
Il-Ġermanja	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Iva
Id-Danimarka	Le	Iva	Iva	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
L-Estonja	Le	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Iva
Il-Greċja	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
Spanja	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Iva	Iva

<sup>113</sup> It-tabella tfejjiet flimkien mal-Istati Membri u tirrifletti l-aħjar informazzjoni disponibbli fiż-żmien tal-pubblikazzjoni.

<sup>114</sup> Rekwiżit li jiġu pprovduti mudelli magħrufa mod ieħor bħala stensils tal-mess.

<sup>115</sup> Rekwiżit li jiġu pprovduti lentijiet li jkabbru lill-votanti.

<sup>116</sup> Rekwiżit li jiġi pprovdut dawl adegwat fil-kabina tal-votazzjoni.

<sup>117</sup> Rekwiżit li jiġi żgurat li l-informazzjoni awdjo dwar il-kandidati tkun tista' tiġi aċċessata mill-post tal-votazzjoni jew bl-użu ta' apparat personali jew ta' apparat ta' assistenza pprovdut mill-uffiċjali elettorali.

<sup>118</sup> Rekwiżit li jsiru disponibbli karti stampati kbar tal-polza tal-votazzjoni jew tal-lista ta' kandidati fil-post tal-votazzjoni.

<sup>119</sup> Rekwiżit li jiġi żgurat li l-poloz tal-votazzjoni jinkludu wkoll informazzjoni f'format bil-Braille.

<sup>120</sup> Rekwiżit li jiġi żgurat li l-kabini tal-votazzjoni jsegwu l-istandards ta' aċċessibbiltà.

<sup>121</sup> Rekwiżit li jiġi żgurat li l-aċċessibbiltà tal-kaxxi tal-voti tkun żgurata.



Stat Membru	Mudelli <sup>(114)</sup>	Lentijiet li jkabbru <sup>(115)</sup>	Dawl adegwat <sup>(116)</sup>	Deskrizzjoni awdjo <sup>(117)</sup>	Lingwa tas-sinjali disponibbli fil-post tal-votazzjoni	Karti stampati kbar <sup>(118)</sup>	Poloz bil-Braille <sup>(119)</sup>	Kabini tal-votazzjoni	Kaxxi tal-voti aċċessibbli <sup>(121)</sup>
Il-Finlandja	Iva	Iva	Iva	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
Franza	Le	Le	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Iva
Il-Kroazja	Iva	Le	Iva	Iva	Iva	Le	Le	Iva	Iva
L-Ungerija	Iva	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
L-Irlanda	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
L-Italja	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
Il-Litwanja	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Le	Iva	Iva
Il-Lussemburgu	Iva	Le	Iva	Le	Le	Le	Iva	Iva	Iva
Il-Latvja	Le	Le	Le	Iva	Le	Le	Le	Iva	Iva
Malta	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Le	Iva	Iva	Iva
In-Netherlands	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Iva	Iva
Il-Polonja	Iva	Le	Iva	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
Il-Portugall	Iva	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva	Iva
Ir-Rumanija	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva
L-Iżvezja	Le	Iva <sup>(122)</sup>	Le	Le	Le	Le	Iva <sup>(123)</sup>	Iva	Iva
Is-Slovenja	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Le	Iva	Iva

<sup>122</sup> Il-lentijiet li jkabbru jiġu pprovduti f'ħafna postijiet tal-votazzjoni kif stabbilit mill-awtoritajiet lokali.

<sup>123</sup> Il-poloz tal-votazzjoni bil-Braille għall-partiti politiċi ewlenin jistgħu jiġu ordnati minn qabel mill-votanti.

Stat Membru	Mudelli <sup>(114)</sup>	Lentijiet li jkabbru <sup>(115)</sup>	Dawl adegwat <sup>(116)</sup>	Deskrizzjoni awdjo <sup>(117)</sup>	Lingwa tas-sinjali disponibbli fil-post tal-votazzjoni	Karti stampati kbar <sup>(118)</sup>	Poloz bil-Braille <sup>(119)</sup>	Kabini tal-votazzjoni	Kaxxi tal-voti aċċessibbli <sup>(121)</sup>
Is-Slovakkja	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Iva

### Anness 11 - Għażliet ta' votazzjoni komplementari disponibbli għall-persuni b'diżabilità fl-Istati Membri tal-UE<sup>(124)</sup>

Pajjiż	Votazzjoni mobbli <sup>(125)</sup>	Votazzjoni barra mill-post tal-votazzjoni <sup>(126)</sup>	Għażla tal-postijiet tal-votazzjoni <sup>(127)</sup>	Votazzjoni minn qabel <sup>(128)</sup>	Votazzjoni bil-posta <sup>(129)</sup>	Votazzjoni assistita <sup>(130)</sup>	Votazzjoni bi prokura <sup>(131)</sup>	Votazzjoni bil-internet <sup>(132)</sup>
L-Awstrija	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Le
Il-Belġju	Le	Le	Iva	Le	Iva <sup>(133)</sup>	Iva	Iva	Le
Il-Bulgarija	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Le	Le
Ċipru	Le	Le	Le	Le	Le	Iva	Le	Le
Iċ-Ċekja	Iva	Iva	Iva	Le	Le	Iva	Le	Le

<sup>124</sup> It-tabella tħejjiet flimkien mal-Istati Membri u tirrifletti l-aħjar informazzjoni disponibbli fiż-żmien tal-pubblikazzjoni.

<sup>125</sup> Votazzjoni mid-dar, mill-isptarijiet jew minn ambjenti residenzjali.

<sup>126</sup> Votazzjoni mill-viċinanza immedjata tal-post tal-votazzjoni

<sup>127</sup> Il-possibbiltà li wieħed imur fi stazzjon tal-votazzjoni aċċessibbli, meta l-istazzjon tal-votazzjoni li għalih jiġi assenjat votant ma jkunx aċċessibbli.

<sup>128</sup> Votazzjoni bikrija għal persuni li ma jkunux jistgħu jmorru f'post tal-votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni.

<sup>129</sup> Tirreferi biss għall-votazzjoni bil-posta fil-pajjiż.

<sup>130</sup> Il-possibbiltà li wieħed jirċievi assistenza fil-votazzjoni mingħand persuna oħra.

<sup>131</sup> Il-possibbiltà li jiġi ddelegat id-dritt tal-vot lil persuna oħra.

<sup>132</sup> Il-possibbiltà li wieħed jivvota permezz tal-internet.

<sup>133</sup> Għaċ-ċittadini barra mill-pajjiż.

Pajjiż	Votazzjoni mobbli <sup>(125)</sup>	Votazzjoni barra mill-post tal-votazzjoni <sup>(126)</sup>	Għażla tal-postijiet tal-votazzjoni <sup>(127)</sup>	Votazzjoni minn qabel <sup>(128)</sup>	Votazzjoni bil-posta <sup>(129)</sup>	Votazzjoni assistita <sup>(130)</sup>	Votazzjoni bi prokura <sup>(131)</sup>	Votazzjoni bl-internet <sup>(132)</sup>
Il-Ġermanja	Le	Le	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Le
Id-Danimarka	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Le
L-Estonja	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Iva
Il-Greċja	Le	Le	Le	Le	Le	Iva <sup>(134)</sup>	Le	Le
Spanja	Le	Iva	Le	Le	Iva	Iva	Le	Le
Il-Finlandja	Iva	Iva	Le	Iva	Iva <sup>(135)</sup>	Iva	Le	Le
Franza	Le	Le	Le	Le	Iva <sup>(136)</sup>	Iva	Iva	Iva <sup>(137)</sup>
Il-Kroazja	Iva	Iva	Le	Le	Le	Iva	Le	Le
L-Ungerija	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Le
L-Irlanda	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Le
L-Italja	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Le	Le
Il-Litwanja	Iva	Le	Iva	Iva	Iva <sup>(138)</sup>	Iva	Le	Le
Il-Lussemburgu	Le	Le	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Le
Il-Latvja	Iva	Le	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Le
Malta	Le	Le	Le	Iva	Le	Iva <sup>(139)</sup>	Le	Le

<sup>134</sup> L-għażla libera ta' assistent ma hijiex disponibbli.

<sup>135</sup> Għaċ-ċittadini barra mill-pajjiż.

<sup>136</sup> Għaċ-ċittadini barra mill-pajjiż, il-votanti li qed jiskontaw sentenza ta' ħabs u dawk f'faċilitajiet ta' detenzjoni.

<sup>137</sup> Għaċ-ċittadini barra mill-pajjiż.

<sup>138</sup> Għaċ-ċittadini barra mill-pajjiż.

<sup>139</sup> L-għażla libera ta' assistent ma hijiex disponibbli.

Pajjiż	Votazzjoni mobbli <sup>(125)</sup>	Votazzjoni barra mill-post tal-votazzjoni <sup>(126)</sup>	Għażla tal-postijiet tal-votazzjoni <sup>(127)</sup>	Votazzjoni minn qabel <sup>(128)</sup>	Votazzjoni bil-posta <sup>(129)</sup>	Votazzjoni assistita <sup>(130)</sup>	Votazzjoni bi prokura <sup>(131)</sup>	Votazzjoni bl-internet <sup>(132)</sup>
In-Netherlands	Le	Le	Iva	Le	Le	Iva	Iva	Le
Il-Polonja	Le	Le	Iva	Le	Iva	Iva	Iva	Le
Il-Portugall	Iva	Le	Le	Iva	Le	Iva	Le	Le
Ir-Rumanija	Iva	Le	Iva	Le	Iva <sup>(140)</sup>	Iva	Le	Le
L-Iżvezja	Iva	Iva	Le	Iva	Iva <sup>(141)</sup>	Iva	Iva	Le
Is-Slovenja	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Le
Is-Slovakkja	Iva	Le	Iva	Le	Le	Iva	Le	Le

<sup>140</sup> Għaċ-ċittadini barra mill-pajjiż.

<sup>141</sup> Għaċ-ċittadini barra mill-pajjiż.